ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 81

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 55**

**21 ta' Marzu 2012**

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2012/5/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue** ................. 1

★ **Direttiva 2012/6/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet** ([1]) ................ 3

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju** ([1]) ................ 7

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini** ([1]) ... 18

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2012 tal-20 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1187/2009 fir-rigward tal-esportazzjonjiet tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib lejn ir-Repubblika Dominikana** ... 37

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 246/2012 tal-20 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ... 39

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 247/2012 tal-20 ta' Marzu 2012 dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta' Marzu 2012 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009 ... 41

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 248/2012 tal-20 ta' Marzu 2012 li jirtira s-sospensjoni tat-tressiq ta' applikazzjonijiet ta' ċerti liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwoti ta' tariffi ... 42

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2012/5/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Marzu 2012**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue [3] tistipula regoli u miżuri ta' kontroll biex jiġġieldu u jeradikaw il-bluetongue, inklużi regoli dwar l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u sorveljanza u l-użu ta' vaċċini kontra l-bluetongue.

(2) Fil-passat, ġew irreġistrati biss inkursjonijiet sporadiċi ta' ċerti stereotipi tal-virus tal-bluetongue fl-Unjoni. Dawk l-inkursjonijiet ġew irrappurtati prinċipalment fil-partijiet tan-Nofsinhar tal-Unjoni. Madankollu, mill-adozzjoni tad-Direttiva 2000/75/KE, u partikolarment mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-istereotipi 1 u 8 tal-virus tal-bluetongue fis-snin 2006 u 2007, il-virus tal-bluetongue infirex iktar mal-Unjoni, bir-riskju li jsir endemija f'ċerti żoni. Għalhekk, sar iktar diffiċli biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-virus.

(3) Ir-regoli dwar it-tilqim kontra l-bluetongue stipulati fid-Direttiva 2000/75/KE huma bbażati fuq l-esperjenza tal-użu tal-hekk imsejħa "vaċċini ħajjin immodifikati", jew "vaċċini ħajjin immoderati", li kienu l-uniċi vaċċini disponibbli meta d-Direttiva ġiet adottata. L-użu ta' dawk il-vaċċini jista' jwassal għal ċirkolazzjoni lokali mhux mixtieqa tal-virus tal-vaċċin f'annimali li ma jingħatawx it-tilqima.

(4) Reċentement, bħala riżultat ta' teknoloġija ġdida, saru disponibbli "vaċċini inattivati" kontra l-bluetongue li ma jippreżentawx ir-riskju ta' ċirkolazzjoni lokali mhux mixtieqa tal-virus tal-vaċċin għal annimali li ma jkunux ingħataw it-tilqima. L-użu estensiv ta' tali vaċċini waqt il-kampanja ta' tilqim fis-snin 2008 u 2009 wassal għal titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni tal-marda. Attwalment jeżisti qbil ġenerali li t-tilqim b'vaċċini inattivati huwa l-għodda preferuta għall-kontroll tal-bluetongue u għall-prevenzjoni ta' mard kliniku fl-Unjoni.

(5) Biex jiġi żgurat kontroll aħjar tal-firxa tal-virus tal-bluetongue u biex jitħaffef il-piż fuq is-settur agrikolu ppreżentat minn dik il-marda, huwa xieraq li r-regoli eżistenti dwar it-tilqim stipulati fid-Direttiva 2000/75/KE jiġu emendati sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi teknoloġiċi fil-produzzjoni tal-vaċċini.

(6) Sabiex tippermetti liż-żmien tat-tilqim fl-2012 jibbenefika mir-regoli l-ġodda, id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) L-emendi stipulati f'din id-Direttiva għandhom jagħmlu r-regoli dwar it-tilqim iktar flessibbli u jieħdu inkonsiderazzjoni wkoll il-fatt li vaċċini inattivati, li jistgħu jintużaw b'suċċess ukoll barra miż-żoni suġġetti għar-restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq tal-annimali, issa huma disponibbli.

[1] ĠU C 132, 3.5.2011, p. 92.
[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-15 ta' Diċembru 2011 (ĠU C 46 E, 17.2.2012, p. 15). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.

(8) Barra minn hekk, u sakemm jittieħdu l-miżuri prekawzjonarji adegwati, l-użu ta' vaċċini ħajjin immoderati ma għandux jiġi eskluż, billi l-użu tagħhom xorta waħda jista' jkun neċessarju taħt ċerti kundizzjonijiet, bħal pereżempju wara l-introduzzjoni ta' stereotip ta' virus ġdid tal-bluetongue li jista' jkun li ma jkunx hemm disponibbli vaċċini inattivati kontrih.

(9) Għalhekk, id-Direttiva 2000/75/KE għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2000/75/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:

"(j) 'vaċċini ħajjin immoderati': vaċċini li huma mmanifatturati bl-adattament ta' varjetajiet puri tal-virus tal-bluetongue minn każ ta' studju partikolari permezz ta' serje ta' passaġġi fit-trobbija tat-tessut jew fil-bajd tattiġieġ b'embriju.".

(2) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tiddeċiedi li tippermetti l-użu ta' vaċċini kontra l-bluetongue jekk:

(a) tali deċiżjoni tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju speċifika mwettqa mill-awtorità kompetenti;

(b) il-Kummissjoni tiġi infurmata qabel tingħata tali tilqima.

2. Kull meta jintużaw vaċċini ħajjin immoderati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tiddemarka:

(a) żona ta' protezzjoni, li tikkonsisti minn tal-inqas żona waħda ta' tilqim;

(b) żona ta' sorveljanza, li tikkonsisti minn parti mit-territorju tal-Unjoni b'fond ta' tal-inqas 50 kilometru li testendi lil hinn mil-limiti taż-żona ta' protezzjoni.".

(3) Fl-Artikolu 6(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jiġu implimentati l-miżuri adattati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2), b'mod partikolari fir-rigward tal-introduzzjoni ta' kull programm ta' tilqim jew ta' xi miżuri alternattivi oħra;".

(4) Fl-Artikolu 8(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Iż-żona ta' sorveljanza għandha tikkonsisti minn parti mit-territorju tal-Unjoni b'fond ta' tal-inqas 50 kilometru u li testendi lil hinn mil-limiti taż-żona ta' protezzjoni u li fiha ma jkun sar l-ebda tilqim kontra l-bluetongue b'vaċċini ħajjin immoderati matul it-12-il xahar ta' qabel.".

(5) Fl-Artikolu 10, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. kull tilqim kontra l-bluetongue bl-użu ta' vaċċini ħajjin immoderati huwa pprojbit fiż-żona ta' sorveljanza.".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-23 ta' Settembru 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mhux iktar tard mill-24 ta' Settembru 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Marzu 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | N. WAMMEN |

# DIRETTIVA 2012/6/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 fil-konklużjonijiet tiegħu saħaq li t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa importanti għat-tisħiħ tal-ekonomija tal-Ewropa u li jenħtieġ sforz konġunt b'saħħtu biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-kontabbiltà ġiet identifikata bħala wieħed mill-oqsma ewlenin li fihom il-piżijiet amministrattivi għall-kumpanniji fi ħdan l-Unjoni jistgħu jitnaqqsu.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE [3] tiddefinixxi mikroimpriżi, impriżi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri wrew li l-kriterji ta' daqs għall-mikroimpriżi f'dik ir-Rakkomandazzjoni jistgħu jkunu wisq għolja għall-finijiet tal-kontabbiltà. Għalhekk, sottogrupp ta' mikroimpriżi, hekk imsejħa "mikroentitajiet", għandu jiġi introdott biex ikopri kumpanniji bi kriterji ta' daqs għall-karta tal-bilanċ u fatturat nett aktar baxxi minn dawk stipulati għall-mikroimpriżi.

(4) Il-mikroentitajiet fil-biċċa l-kbira tad-drabi joperaw f'negozju fil-livell lokali jew reġjonali bi ftit, jew xejn, attività transkonfinali. Barra minn hekk, huma għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, it-trawwim tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda.

(5) Il-mikroentitajiet għandhom riżorsi limitati biex jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji impenjattivi. Madankollu, huma spiss ikunu soġġetti għall-istess regoli tar-rappurtar finanzjarju bħall-kumpanniji akbar. Dawk ir-regoli jpoġġu fuqhom piż li mhuwiex proporzjonat mad-daqs tagħhom u għalhekk huwa sproporzjonat għall-iżgħar impriżi meta mqabbla ma' dawk akbar. Għalhekk, għandu jkun possibbli li l-mikroentitajiet jiġu eżentati minn ċerti obbligi li jistgħu jimponu fuqhom piż amministrattiv oneruż bla bżonn. Madankollu, il-mikroentitajiet xorta għandhom ikunu soġġetti għal kull obbligu nazzjonali li jżommu reġistri li juru t-transazzjonijiet kummerċjali u l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom.

(6) Billi n-numru ta' kumpanniji li għalihom ser japplikaw il-kriterji ta' daqs stipulati f'din id-Direttiva jvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, u billi l-attivitajiet tal-mikroentitajiet ma jħallux impatt, jew iħallu biss impatt limitat, fuq il-kummerċ transkonfinali jew fuq it-tħaddim tas-suq intern, l-Istati Membri għandhom iqisu din id-differenza fl-impatt ta' dawk il-kriterji meta jimplimentaw din id-Direttiva fil-livell nazzjonali.

(7) L-Istati Membri għandhom iqisu l-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-swieq tagħhom meta jkunu qed jieħdu deċiżjonijiet dwar kif jew jekk jimplimentawx sistema ta' mikroentitajiet fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE [4].

(8) Il-mikroentitajiet għandhom iqisu d-dħul u l-ispejjeż relatati mas-sena finanzjarja, irrispettivament mid-data ta' meta dak id-dħul jew spejjeż ikunu riċevuti jew imħallsa. Madankollu, il-kalkolu ta' ħlasijiet minn qabel u dħul akkumulat u akkumulazzjonijet u dħul imħolli għal iżjed tard jista' jkun ta' piż għall-mikroentitajiet. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lill-mikroentitajiet milli jikkalkolaw u jippreżentaw dawk l-entrati, biss safejn dik l-eżenzjoni tirrelata ma' spejjeż oħra li mhumiex l-ispiża għall-materja prima u l-oġġetti ta' konsum, l-aġġustamenti tal-valur, l-ispejjeż tal-persunal u t-taxxa. B'dan il-mod, il-piż amministrattiv involut fil-kalkolu ta' bilanċi relattivament żgħar jista' jitnaqqas.

(9) Il-pubblikazzjoni ta' kontijiet annwali tista' tkun ta' piż għall-mikroentitajiet. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm konformità ma' din id-Direttiva. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jeżentaw lill-mikroentitajiet minn rekwiżit ta' pubblikazzjoni ġenerali, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ tiġi ffajljata debitament, f'konformità mad-dritt nazzjonali, ma' mill-inqas awtorità

[1] ĠU C 317, 23.12.2009, p. 67.

[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2010 (ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 111) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-12 ta' Settembru 2011 (ĠU C 337 E, 18.11.2011, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012.

[3] ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

[4] ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

kompetenti maħtura waħda u li l-informazzjoni tintbagħat lir-reġistru tan-negozju, sabiex tkun tista' tinkiseb kopja jekk issir applikazzjoni. F'dawn il-każijiet, ma japplikax l-obbligu stipulat fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 78/660/KEE li jiġi ppubblikat kull dokument tal-kontabilità bi qbil mal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2009/101/KE ([1]).

(10) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippermetti lill-Istati Membri li joħolqu ambjent ta' rapportar finanzjarju sempliċi għall-mikroentitajiet. L-użu ta' valuri ġusti jista' jirriżulta fil-ħtieġa għal żvelar dettaljat biex jispjega l-bażi li fuqha ġie stabbilit il-valur ġust ta' ċerti entrati. Billi s-sistema tal-mikroentitajiet tipprovdi żvelar limitat ħafna permezz ta' noti dwar il-kontijiet, l-utenti tal-kontijiet tal-mikroentitajiet ma jkunux jafu jekk l-ammonti fil-karta tal-bilanċ u fil-kont tal-qligħ u t-telf jinkorporawx valuri ġusti. Għaldaqstant, biex tingħata ċ-ċertezza lil dawn l-utenti f'dan ir-rigward, l-Istati Membri m'għandhomx jippermettu jew jeħtieġu lill-mikroentitajiet li jużaw xi waħda mill-eżenzjonijiet disponibbli lilhom taħt din id-Direttiva li jużaw il-bażi ta' valutazzjoni ġusta meta jkunu qed iħejju l-kontijiet tagħhom. Il-mikroentitajiet li jixtiequ jew jeħtieġu jużaw valur ġust xorta jkunu jistgħu jagħmlu dan billi jużaw sistemi oħra skont din id-Direttiva fejn Stat Membru jippermetti jew jeħtieġ użu bħal dan.

(11) Meta jiddeċiedu dwar kif jew jekk jimplimentawx sistema ta' mikroentitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 78/660/KEE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mikroentitajiet li għandhom jiġu kkonsolidati skont id-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE ([2]) fuq kontijiet konsolidati jagħmlu użu minn data ta' kontabbiltà li tkun iddettaljata biżżejjed għal dak il-għan u li l-eżenzjonijiet f'din id-Direttiva jkunu mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jitħejjew kontijiet ikkonsolidati bi qbil mad-Direttiva 83/349/KEE.

(12) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-mirkoentitajiet, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(13) Id-Direttiva 78/660/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 78/660/KEE**

Id-Direttiva 78/660/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu li ġej huwa mdaħħal:

"*Artikolu 1a*

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet minn ċerti obbligi skont din id-Direttiva f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-kumpanniji li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jkunux jeċċedu l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin (mirkoentitajiet):

(a) total tal-karta tal-bilanċ: EUR 350 000;

(b) fatturat nett: EUR 700 000;

(c) l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja: 10.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw kumpanniji msemmija fil-paragrafu 1 minn kwalunkwe jew kull obbligu minn dawn li ġejjin:

(a) l-obbligu li jippreżentaw 'Ħlasijiet minn qabel u dħul akkumulat' u 'Akkumulazzjonijet u dħul imħolli għal iżjed tard' f'konformità mal-Artikoli 18 u 21;

(b) fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibbiltà fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, huwa jista' jippermetti lil dawk il-kumpanniji, fir-rigward biss ta' spejjeż oħra f'konformità mal-punt (b)(vi) tal-paragrafu 3, li jitbiegħdu mill-Artikolu 31(1)(d) fir-rigward tar-rikonoxximent ta' 'Ħlasijiet minn qabel u dħul akkumulat' u 'Akkumulazzjonijet u dħul imħolli għal iżjed tard', bil-kondizzjoni li dan il-fatt jingħata fin-noti dwar il-kontijiet jew, f'konformità mal-punt (c) ta' dan il-paragrafu, f'qiegħ il-karta tal-bilanċ;

(c) l-obbligu li jħejju noti dwar il-kontijiet f'konformità mal-Artikoli 43 sa 45, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 14 u l-punt (13) tal-Artikolu 43(1) ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 77/91/KEE (*) tingħata f'qiegħ il-karta tal-bilanċ;

(d) l-obbligu li jħejju rapport annwali f'konformità mal-Artikolu 46 ta' din id-Direttiva, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 77/91/KEE tiġi żvelata fin-noti dwar il-kontijiet jew, f'konformità mal-punt (c) ta' dan il-paragrafu, f'qiegħ il-karta tal-bilanċ;

([1]) Id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11).
Nota Editorjali: It-titolu tad-Direttiva 2009/101/KE ġie aġġustat biex jieħu kont tar-rinumerazzjoni tal-artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Lisbona; ir-referenza oriġinali kienet għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat.

([2]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

(e) l-obbligu li jippubblikaw kontijiet annwali f'konformità mal-Artikoli 47 sa 50a, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ li tinsab fihom tiġi ffajljata debitament, f'konformità mad-dritt nazzjonali, ma' mill-anqas awtorità kompetenti waħda maħtura mill-Istat Membru kkonċernat. Kull meta l-awtorità kompetenti ma tkunx ir-reġistru ċentrali, ir-reġistru kummerċjali, jew ir-reġistru tal-kumpanniji, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/101/KE (**), l-awtorità kompetenti hija meħtieġa li tipprovdi reġistru bl-informazzjoni ffajljata.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-kumpanniji msemmija fil-paragrafu 1:

(a) li jhejju biss karta tal-bilanċ imqassra li turi b'mod separat tal-anqas dawk l-entrati preċeduti minn ittri fl-Artikoli 9 jew 10, fejn applikabbli. Fil-każijiet li għalihom japplika l-punt (a) tal-paragrafu 2, l-entrati E taħt 'Assi' u D taħt 'Passivi' fl-Artikolu 9 jew l-entrati E u K fl-Artikolu 10 għandhom jiġu esklużi mill-karta tal-bilanċ;

(b) li jhejju biss kont ta' qligħ u telf imqassar li juri b'mod separat tal-anqas l-entrati li ġejjin, fejn applikabbli:

(i) fatturat nett;

(ii) dħul ieħor;

(iii) spiża għall-materja prima u l-oġġetti tal-konsum;

(iv) spejjeż tal-persunal;

(v) aġġustamenti tal-valur;

(vi) spejjeż oħra;

(vii) taxxa;

(viii) qligħ jew telf.

4. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu jew jeħtieġu l-applikazzjoni tat-Taqsima 7a lil kull mikroentità li tagħmel użu minn waħda mill-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3.

5. Fir-rigward tal-kumpanniji msemmija fil-paragrafu 1, kontijiet annwali mfassla f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jitqiesu bħala li jagħtu l-istampa vera u ġusta meħtieġa mill-Artikolu 2(3), u konsegwentement, l-Artikolu 2(4) u (5) m'għandux japplika għal kontijiet bħal dawn.

6. Meta fid-data tal-karta tal-bilanċ, kumpannija teċċedi jew tieqaf milli teċċedi l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stipulati fil-paragrafu 1, dak il-fatt għandu jaffettwa l-applikazzjoni tad-deroga prevista fil-paragrafi 2, 3 u 4 fil-każ biss li dan iseħħ kemm fis-sena finanzjarja attwali kif ukoll f'dik preċedenti.

7. Fil-każ ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-euro, l-ammont li fil-munita nazzjonali jkun ekwivalenti għall-ammonti speċifikati fil-paragrafu 1 għandu jkun dak miksub permezz tal-applikazzjoni tar-rata tal-kambju pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Direttiva li tistabbilixxi dawk l-ammonti.

8. It-total tal-karta tal-bilanċ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jikkonsisti jew fl-attivi msemmija fl-entrati A sa E taħt 'Assi' fl-Artikolu 9 jew l-attivi msemmija fl-entrati A sa E fl-Artikolu 10. Jekk japplika l-punt (a) tal-paragrafu 2, it-total tal-karta tal-bilanċ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jikkonsisti jew fl-attivi msemmija fl-entrati A sa E taħt 'Assi' fl-Artikolu 9 jew l-attivi msemmija fl-entrati A sa D fl-Artikolu 10.

(*) It-tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1).
Nota Editorjali: It-titolu tad-Direttiva 77/91/KEE ġie aġġustat biex jieħu kont tar-rinumerazzjoni tal-artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, skont l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam u l-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Lisbona; ir-referenza oriġinali kienet għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat.

(**) Id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti. (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11).
Nota Editorjali: It-titolu tad-Direttiva 2009/101/KE ġie aġġustat biex jieħu kont tar-rinumerazzjoni tal-artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Lisbona; ir-referenza oriġinali kienet għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat.";

(2) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu taqsim speċjali għall-kontijiet annwali ta' kumpanniji ta' investiment u ta' kumpanniji b'parteċipazzjoni finanzjarja bil-kondizzjoni li dan it-taqsim jagħti stampa ta' dawn il-kumpanniji ekwivalenti għal dik prevista fl-Artikolu 2(3). L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a fir-rigward ta' kumpanniji ta' investiment jew kumpanniji b'parteċipazzjoni finanzjarja.";

(3) L-Artikolu 53a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 53a*

L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1a, 11 u 27, il-punti (7a) u (7b) tal-Artikolu 43(1) u l-Artikoli 46, 47 u 51 disponibbli fir-rigward ta' kumpanniji li t-titoli ta' sigurtà tagħhom huma ammessi għan-negozju f'suq regolat fl-ambitu tal-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE.".

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva fejn u meta jiddeċiedu li jagħmlu użu minn kwalunkwe alternattiva prevista fl-Artikolu 1a tad-Direttiva 78/660/KEE, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-qagħda fil-livell nazzjonali fir-rigward tan-numru ta' kumpanniji koperti mill-kriterji ta' daqs stipulati fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Rapport**

Mhux aktar tard mill-10 ta' April 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar is-sitwazzjoni tal-mikroentitajiet li jqis b'mod partikolari s-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali rigward in-numru ta' kumpanniji koperti bil-kriterji tad-daqs u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mill-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-pubblikazzjoni.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Marzu 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | N. WAMMEN |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 243/2012/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Marzu 2012

## li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) [3], il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti leġislattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikunu stabbiliti programmi pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju. Dawn il-programmi għandhom jistabbilixxu l-orjentazzjonijiet u l-objettivi tal-politika għall-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru skont id-direttivi applikabbli għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika. Dawk l-orjentazzjonijiet u l-objettivi tal-politika għandhom jirreferu għad-disponibbiltà u għall-użu effiċjenti tal-ispettru li jkunu meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern. Il-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm") għandu jappoġġa l-għanijiet u l-azzjonijiet ewlenin deskritti fil-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", u hija inkluża fost il-50 azzjoni ta' prijorità tal-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2010 "Lejn Att dwar is-Suq Uniku".

(2) Din id-Deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-Unjoni eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [4], id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) [5], id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) [6], id-Direttiva 2002/21/KE, kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) [7]. Din id-Deċiżjoni għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jittieħdu fuq il-livell nazzjonali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, li jaħdmu biex jilħqu l-objettivi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari relatati mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u mal-politika awdjoviżiva, u mad-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tagħhom għal finijiet ta' ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika u għal difiża.

(3) L-ispettru huwa riżors pubbliku ewlieni għas-setturi u għas-servizzi essenzjali, inklużi l-komunikazzjoni mobbli, il-broadband bla fili u satellitari, ix-xandir bit-televiżjoni u bir-radju, it-trasport, ir-radjolokazzjoni, u l-applikazzjonijiet bħal sistemi ta' allarmi, kontrolli mill-bogħod, tagħmir li jgħin is-smigħ, mikrofoni u tagħmir mediku. Huwa jappoġġa servizzi pubbliċi, bħas-servizzi tas-sigurtà u tas-sikurezza inkluża l-protezzjoni ċivili, u l-attivitajiet xjentifiċi, bħall-meteoroloġija, l-Osservazzjoni tad-Dinja, ir-radjuastronomija u r-riċerka spazjali. L-aċċess faċli għall-ispettru għandu rwol ukoll fil-provvista ta' komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u n-negozji li jinsabu f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa, bħal żoni rurali jew gżejjer. Il-miżuri regolatorji dwar l-ispettru b'hekk għandhom implikazzjonijiet ekonomiċi, għas-sikurezza, għas-saħħa, għall-interess pubbliku, kulturali, xjentifiċi, soċjali, ambjentali u tekniċi.

[1] ĠU C 107, 6.4.2011, p. 53.
[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-13 ta' Diċembru 2011 (ĠU C 46 E, 17.2.2012, p 1). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.
[4] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.
[5] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.
[6] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.
[7] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

(4) Għandu jiġi adottat approċċ ekonomiku u soċjali mġedded fir-rigward tal-ġestjoni, l-allokazzjoni u l-użu tal-ispettru. Dak l-approċċ għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-politika tal-ispettru, bil-għan li tiġi żgurata aktar effiċjenza tal-ispettru, ippjanar aħjar tal-frekwenzi u salvagwardji kontra imġiba li tmur kontra l-kompetizzjoni.

(5) L-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni għandhom ikabbru s-suq intern għas-servizzi u t-tagħmir tal-komunikazzjoni elettronika bla fili kif ukoll politika oħra tal-Unjoni li teżiġi l-użu tal-ispettru, biex b'hekk joħolqu opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, u simultanjament jagħtu kontribut għall-irkupru ekonomiku u għall-integrazzjoni soċjali mal-Unjoni kollha, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti tal-ispettru.

(6) L-armonizzazzjoni tal-użu adatt tal-ispettru tista' wkoll tkun ta' benefiċċju għall-kwalità tas-servizzi pprovduti permezz tal-komunikazzjoni elettronika, u hija essenzjali biex jinħolqu ekonomiji ta' skala, li jnaqqsu kemm l-ispejjeż tat-tqegħed ta' netwerks bla fili u l-ispejjeż tal-apparat bla fili għall-konsumaturi. Għal dak l-għan, l-Unjoni teħtieġ programm ta' politika li jkopri s-suq intern fl-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu tal-ispettru, bħall-politika tal-komunikazzjoni elettronika, tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-ispazju, tat-trasport, tal-enerġija u tal-awdjoviżjoni.

(7) Il-Programm għandu jippromwovi l-kompetizzjoni u jikkontribwixxi sabiex jiġi stabbilit pedament għal suq diġitali uniku ġenwin.

(8) Il-Programm għandu, jappoġġa b'mod partikolari, l-Istrateġija Ewropa 2020, fid-dawl tal-potenzjal kbir tas-servizzi bla fili sabiex jippromwovu ekonomija bbażata fuq l-għarfien, jiżviluppaw u jassistu lis-setturi li jiddependu mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u jegħlbu l-qasma diġitali. L-użu li qed jikber, b'mod partikolari, tas-servizzi tal-media awdjoviżiva u l-kontenut online li qiegħed iżid id-domanda għall-veloċità u l-kopertura. Huwa wkoll azzjoni ewlenija fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, għandha l-għan li twassal internet bil-broadband veloċi fuq in-netwerk tal-futur u ekonomija bbażata fuq l-għarfien, b'mira ambizzjuża għal kopertura broadband universali. Il-provvista tal-ogħla veloċitajiet u l-aħjar kapaċitajiet possibbli għall-broadband bil-fili u bla fili tikkontribwixxi biex tinkiseb il-mira ta 'aċċess għall-broadband b' veloċità ta' mhux inqas minn 30 Mbps għal kulħadd sal-2020 fejn tal-inqas nofs id-djar tal-Unjoni ikollhom aċċess għall-broadband b'veloċità ta' mill-inqas 100 Mbps, u hija importanti biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività globali, u meħtieġa biex jinkisbu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli ta' suq diġitali uniku. Għandu wkoll jappoġġa u jippromwovi politika settorjali oħra tal-Unjoni bħal ambjent sostenibbli u inklużjoni ekonomika u soċjali għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Minħabba l-importanza tal-applikazzjonijiet bla fili għall-innovazzjoni, l-Programm huwa wkoll inizjattiva ewlenija li tappoġġa l-politika tal-Unjoni dwar l-innovazzjoni.

(9) Il-Programm għandu jistabbilixxi l-pedamenti għal żvilupp fejn l-Unjoni tista' tkun ta' eżempju fir-rigward tal-veloċitajiet, tal-mobbiltà, tal-kopertura u tal-kapaċità tal-broadband bla fili. Tali tmexxija hija essenzjali biex jiġi stabbilit suq uniku diġitali kompetittiv li jaħdem biex jinfetaħ is-suq intern għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

(10) Il-programm għandu jispeċifika l-prinċipji u l-objettivi ta' gwida għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni sal-2015, u għandu jistabbilixxi inizjattivi implimentattivi speċifiċi. Filwaqt li l-ġestjoni tal-ispettru għadha fil-parti l-kbira kompetenza nazzjonali, din għandha tkun eżerċitata f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni eżistenti u għandha tagħti lok għal azzjoni sabiex tkun segwita l-politika tal-Unjoni.

(11) Il-programm għandu jqis ukoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE u l-kompetenza teknika tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (minn issa 'il quddiem imsejjħa "CEPT") sabiex il-politika tal-Unjoni li tiddependi mill-ispettru u ġiet miftehma mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tkunu tista' tiġi implimentata b'miżuri tekniċi implimentattivi, jiġi innotat li tali miżuri jistgħu jittieħdu kull meta jkun meħtieġ sabiex tiġi implimentata l-politika tal-Unjoni diġà eżistenti.

(12) Aċċess faċli għall-ispettru jista' jirrikjedi tipi ta' kondizzjonijiet innovattivi ta' awtorizzazzjoni bħall-użu kollettiv tal-ispettru, jew il-kondiviżjoni tal-infrastruttura, l-applikazzjoni bħal dawn fl-Unjoni tista' tiġi ffaċilitata bl-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u bl-inkoraġġiment tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll bid-definizzjoni ta' ċerti kondizzjonijiet komuni jew konverġenti għall-użu tal-ispettru. L-awtorizzazzjonijiet ġenerali, li huma l-inqas tip ta' awtorizzazzjoni oneruża, huma ta' interess partikolari fejn l-interferenza ma tirriskjax li tfixkel l-iżvilupp ta' servizzi oħrajn.

(13) Filwaqt li għadhom qed jiġu żviluppati teknoloġikament, 'l hekk imsejħa "teknoloġiji konjittivi" għandhom jiġu esplorati aktar minn issa, inkluż billi tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni abbażi tal-ġeolokalizzazzjoni.

(14) In-negozju fid-drittijiet tal-ispettru ikkombinat ma' kondizzjonijiet flessibbli ta' użu jistgħu ikunu ta' benefiċċju sostanzjali għat-tkabbir ekonomiku. Għalhekk,

il-meded fejn il-liġi tal-Unjoni diġà introduċiet użu flessibbli għandhom ikunu jistgħu jiġu nnegozjati immedjatament f'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE. Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal tali meded u miżuri komuni sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' drittijiet tal-użu tal-ispettru li tista' toħloq pożizzjonijiet dominanti, kif ukoll nuqqas mhux xieraq tal-użu ta' dawn id-drittijiet, għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni koordinata mill-Istati Membri kollha ta' dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-akkwist ta' drittijiet bħal dawn, ikun fejn ikun fl-Unjoni. L-użu kollettiv (jew kondiviż) tal-ispettru - bħala għadd indeterminat ta' utenti indipendenti u/jew apparat biex jiġi aċċessat l-ispettru fl-istess firxa ta' frekwenzi fl-istess ħin u f'żona ġeografika partikolari taħt sett iddefinit sew ta' kondizzjonijiet — għandu jitrawwem fejn applikabbli, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/20/KE f'dak li jirrigwardja n-netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.

(15) Kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-broadband bla fili huwa mezz importanti sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni, lill-għażla tal-konsumaturi u lill-aċċess f'żoni rurali u żoni oħrajn fejn it-tqegħed tal-broadband bil-fili huwa diffiċli jew mhux vijabbli ekonomikament. Madankollu, il-ġestjoni tal-ispettru tista' taffettwa l-kompetizzjoni billi tbiddel ir-rwol u s-setgħa tal-parteċipanti fis-suq, pereżempju jekk l-utenti eżistenti jirċievu vantaġġi kompetittivi mhux dovuti. Aċċess limitat għall-ispettru, b'mod partikolari meta l-ispettru adattat isir iktar skars, jista' joħloq ostakolu għad-dħul ta' servizzi jew applikazzjonijiet ġodda u jfixkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. L-akkwist ta' drittijiet ġodda għall-użu tal-ispettru, inkluż permezz ta' trasferiment jew twellija tal-ispettru jew ta' transazzjonijiet oħrajn bejn l-utenti, u l-introduzzjoni ta' kriterji flessibbli ġodda għall-użu tal-ispettru jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni kompetittiva eżistenti. L-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu miżuri regolatorji ex ante jew ex post adatti (bħal azzjoni sabiex jiġu emendati d-drittijiet eżistenti, ikunu pprojbiti ċerti akkwisti tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru, ikunu imposti kondizzjonijiet fuq il-ħżin tal-ispettru u fuq l-użu effiċjenti bħal dawk imsemmija fid-Direttiva 2002/21/KE, sabiex ikun limitat l-ammont ta' spettru disponibbli għal kull impriża, jew sabiex tkun evitata akkumulazzjoni eċċessiva ta' drittijiet tal-użu tal-ispettru) sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni skont il-prinċipji bażi tad-Direttiva 2002/20/KE u tad-Direttiva tal-Kunsill 87/372/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità [1] (id-Direttiva "GSM").

(16) L-istabbiliment ta' inventarju tal-użu tal-ispettru eżistenti flimkien ma' analiżi ta' xejriet teknoloġiċi, ħtiġijiet futuri u domanda għall-ispettru, b'mod partikolari bejn l-400 MHz u s-6 GHz, għandu jippermetti l-identifikazzjoni ta' meded ta' frekwenzi fejn l-effiċjenza tista' tittejjeb, u opportunitajiet ta' kondiviżjoni tal-ispettru, għall-benefiċċju kemm tas-settur kummerċjali kif ukoll ta' dak pubbliku. Il-metodoloġija għall-istabbiliment ta' inventarju ta' użi eżistenti tal-ispettru għandha tieħu kont xieraq tal-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet u għandu jkollha l-għan li timminimizza dak il-piż. Għaldaqstant, l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE tas-16 ta' Mejju 2007 dwar id-disponibbiltà armonizzata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispettru fil-Komunità [2] għandha titqies b'mod sħiħ fl-iżvilupp tal-metodoloġija biex jiġi stabbilit inventarju ta' użi eżistenti tal-ispettru.

(17) Standards armonizzati skont id-Direttiva 1999/5/KE huma essenzjali sabiex jinkiseb użu effiċjenti tal-ispettru u għandhom iqisu l-kondizzjonijiet tal-kondiviżjoni ddefiniti legalment. L-istandards Ewropej għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi mhux tar-radju għandhom ukoll jevitaw disturbi għall-użu tal-ispettru. L-impatt kumulattiv taż-żieda fil-volum u fid-densità tal-apparat u tal-applikazzjonijiet bla fili flimkien mad-diversità tal-użu tal-ispettru jippreżenta sfida għall-approċċi attwali għall-ġestjoni tal-interferenzi. Dawn għandhom għalhekk jiġu eżaminati u vvalutati mill-ġdid flimkien mal-karatteristiċi tar-riċevituri u ma' mekkaniżmi iktar sofistikati biex ikunu evitati l-interferenzi.

(18) L-Istati Membri għandhom jitħallew, fejn ikun adatt, jintroduċu miżuri ta' kumpens relatati ma' spejjeż tal-migrazzjoni.

(19) Skont l-objettivi tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-broadband bla fili jista' jagħti kontribut sostanzjali għall-irkupru u għat-tkabbir ekonomiku jekk spettru suffiċjenti ikun magħmul disponibbli, id-drittijiet għall-użu tal-ispettru jingħataw malajr, u n-negozju jitħalla jadatta ruħu għall-evoluzzjoni tas-suq. L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tappella biex sal-2020 iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jkollhom aċċess għal veloċita' ta' broadband ta' mill-inqas 30 Mbps. Għaldaqstant, l-ispettru li diġà ġie kopert minn Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni eżistenti għandu jsir disponibbli taħt it-termini u l-kondizzjonijiet ta' dawk id-Deċiżjonijiet. Soġġett għad-domanda fis-suq, il-proċess ta' awtorizzazzjoni għandu jitwettaq skont id-Direttiva 2002/20/KE sal-31 ta' Diċembru 2012 għal komunikazzjoni terrestri, biex jiġi żgurat aċċess faċli għal broadband bla fili għal kulħadd, b'mod partikolari f'meded ta' frekwenzi indikati mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/411/KE [3], 2008/477/KE [4], u 2009/766/KE [5]. Sabiex ikunu kkomplementati s-servizzi broadband terrestri u sabiex tkun żgurata il-kopertura taż-żoni l-iktar imbiegħda tal-Unjoni, aċċess broadband satellitari jista' jkun soluzzjoni rapida u fattibbli.

[1] ĠU L 196, 17.7.1987, p. 85.

[2] ĠU L 129, 17.5.2007, p. 67.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/411/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn it-3 400 u t-3 800 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità (ĠU L 144, 4.6.2008, p. 77).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/477/KE tat-13 ta' Ġunju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn 2 500 - 2 690 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 37).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE tas-16 ta' Ottubru 2009 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi terrestri li kapaċi jipprovdu servizzi elettroniċi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni fil-Komunità (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 32).

(20) Għandhom jiġu introdotti aktar arranġamenti flessibbli li jirregolaw l-użu tal-ispettru, fejn adatt, sabiex jitrawmu l-innovazzjoni u l-konnessjonijiet veloċi bil-broadband, li jippermettu lill-impriżi jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom u jżidu l-kompetittività tagħhom u li jagħmlu possibbli l-iżvilupp ta' servizzi interattivi ġodda online, pereżempju fl-oqsma tal-edukazzjoni, tas-saħħa, u tas-servizzi ta' interess ġenerali.

(21) Peress li kważi 500 miljun persuna huma konnessi ma' broadband veloċi fl-Ewropa għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern, joħloq massa kritika globalment unika ta' utenti li jesponu lir-reġjuni kollha għal opportunitajiet ġodda u jagħtu lil kull utent valur miżjud u jagħtu lill-Unjoni l-kapaċità li tkun l-aqwa ekonomija bbażata fuq l-għarfien fid-dinja. It-tqiegħed rapidu tal-broadband huwa għalhekk kruċjali għall-iżvilupp tal-produttività Ewropea u għall-emerġenza ta' intrapriżi ġodda u żgħar li jistgħu jkunu mexxejja f'setturi differenti, pereżempju fil-kura tas-saħħa, fil-manifattura u fl-industrija tas-servizzi.

(22) Fl-2006, l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT) stmat li r-rekwiżiti fil-futur tal-bandwidth tal-ispettru għall-iżvilupp tat-Telekomunikazzjoni Mobbli Internazzjonali-2000 (IMT-2000) u s-sistemi avvanzati IMT (jiġifieri komunikazzjoni bit-telefons ċellulari 3G u 4G) ser ikunu bejn 1 280 u 1 720 MHz fl-2020 għall-industrija tal-telefons ċellulari kummerċjali għal kull reġjun tal-UIT inkluża l-Ewropa. Għandu jiġi nnotat li l-figura aktar baxxa (1 280 MHz) hija ogħla mir-rekwiżiti għal xi pajjiżi. Barra minn hekk, hemm xi pajjiżi li għalihom ir-rekwiżit huwa akbar mill-ogħla ċifra (1 720 MHz). Dawn iż-żewġ ċifri jinkludu l-ispettru li diġà qed jintuża, jew li huwa ppjanat li jintuża, għal sistemi Pre-IMT, IMT-2000 u t-titjib tiegħu. Jekk l-ispettru addizzjonali meħtieġ ma jsirx disponibbli, preferibbilment b'mod armonizzat fil-livell globali, is-servizzi ġodda u t-tkabbir ekonomiku ser jiġu mfixkla minn restrizzjonijiet ta' kapaċità fin-netwerks tat-telefon ċellulari.

(23) Il-medda tat-800 MHz (790-862 MHz) hija ottimali biex żoni kbar ikunu koperti mis-servizzi broadband bla fili. Abbażi tal-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tekniċi skont id-Deċiżjoni 2010/267/UE, u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 li tiffaċilita l-liberazzjoni tad-dividend diġitali fl-Unjoni Ewropea [1] titlob biex ix-xandir analoġiku jintefa sal-1 ta' Jannar 2012, u fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji nazzjonali rapidi, fil-prinċipju dik il-medda għandha tkun disponibbli għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni sal-2013. Fuq perijodu itwal, jista' jiġi previst ukoll spettru addizzjonali, fid-dawl tar-riżultati ta' analiżi, ta' xejriet teknoloġiċi, ħtiġijiet futuri u domanda għall-ispettru. Jekk titqies il-kapaċità tal-medda ta' 800 MHz li titrasmetti f'żoni kbar, l-obbligi ta' kopertura jistgħu jintrabtu mad-drittijiet, fejn ikun adatt.

(24) Żieda fl-opportunitajiet ta' broadband bla fili hija kruċjali biex is-settur kulturali jingħata pjattaformi ġodda ta' distribuzzjoni, u b'hekk titwitta t-triq għall-iżvilupp b'suċċess tas-settur fil-futur.

(25) Sistemi ta' aċċess bla fili, inklużi n-netwerks lokali tar-radju, jistgħu jissuperaw l-allokazzjonijiet attwali tagħhom fuq bażi mhux liċenzjata. Il-ħtieġa għal u l-fattibbiltà li jiġu estiżi l-allokazzjonijiet tal-ispettru mingħajr liċenzja għal sistemi ta' aċċess bla fili, inklużi n-netwerks ta' aċċess lokali tar-radju, għal 2,4 GHz u 5 GHz, għandha tiġi vvalutata f'rabta mal-inventarju tal-użi attwali, u mal-ħtiġijiet emerġenti għall-ispettru, u li jiddependu fuq l-użu tal-ispettru għal għanjiet oħrajn.

(26) Filwaqt li x-xandir ser jibqa' pjattaforma importanti ta' distribuzzjoni ta' kontenut, peress li din hi l-aktar pjattaforma ekonomika għad-distribuzzjoni tal-massa; il-broadband bil-fili u bla fili u servizzi oħrajn ġodda jagħtu opportunitajiet ġodda biex is-settur kulturali jiddiversifika l-firxa ta' pjattaformi ta' distribuzzjoni tiegħu, sabiex jipprovdi s-servizzi mitluba u biex isir użu mill-potenzjal ekonomiku taż-żieda kbira fit-traffiku tad-*data*.

(27) Sabiex tingħata attenzjoni lill-prijoritajiet tal- Programm pluriennali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex jappoġġaw u jilħqu l-objettiv li jippermettu lill-Unjoni tieħu it-tmexxija fis-servizzi broadband għall-komunikazzjoni elettronika bla fili billi tagħmel disponibbli spettru biżżejjed f'meded kosteffiċjenti biex dawk is-servizzi jkunu aktar disponibbli.

(28) Peress li approċċ komuni u l-ekonomiji ta' skala huma kruċjali sabiex tiġi żviluppata komunikazzjoni broadband mal-Unjoni kollha u sabiex ikunu evitati d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-frammentazzjoni tas-suq fost l-Istati Membri, xi wħud mill-aħjar prattiki dwar il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u l- proċeduri għandhom jiġu identifikati f'azzjoni miftiehma fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Il-kondizzjonijiet jistgħu jinkludu l-obbligi ta' kopertura, id-daqs tal-blokk tal-ispettru, l-għażla taż-żmien meta jingħataw id-drittijiet, l-aċċess għall-operaturi tan-netwerk ċellulari virtwali u kemm idumu d-drittijiet tal-użu tal-ispettru. Filwaqt li jirriflettu l-importanza tan-negozju fl-ispettru għal użu effiċjenti dejjem ikbar tal-ispettru u jiżviluppaw is-suq intern għat-tagħmir u għas-servizzi bla fili, dawn il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għandhom japplikaw għall-meded ta' frekwenzi li jiġu allokati lill-komunikazzjoni bla fili, u li għalihom id-drittijiet tal-użu jistgħu jiġu ttrasferiti jew imwellija.

(29) Jista' jkun meħtieġ spettru addizzjonali minn setturi oħrajn bħat-trasport (għal sistemi ta' sikurezza, informazzjoni u ġestjoni), ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), is-saħħa elettronika, l-inklużjoni elettronika u, jekk tkun

[1] ĠU L 308, 24.11.2009, p. 24.

meħtieġa, il-protezzjoni tal-pubbliku u l-għajnuna f'diżastri (PPDR), fid-dawl tal-użu akbar tagħhom tat-trasmissjonijiet ta' filmati u *data* għal servizz rapidu u aktar effiċjenti. L-ottimizzazzjoni tas-sinerġji bejn il-politika dwar l-ispettru u l-attivitajiet ta' R&Ż kif ukoll it-twettiq ta' studji dwar il-kompatibbiltà tar-radju bejn l-utenti differenti tal-ispettru għandhom jgħinu lill-innovazzjoni. Barra minn hekk, ir-riżultati tar-riċerka taħt is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka, għall-Iżvilupp Teknoloġiku u Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (2007 sa 2013) jeżiġu l-eżami tal-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-proġetti li jista' jkollhom potenzjal ekonomiku jew ta' investiment kbir, b'mod partikolari għall-SMEs, bħal per eżempju r-radju konjittiv jew is-saħħa elettronika. Għandha tkun żgurata anki protezzjoni adegwata minn interferenza dannuża sabiex ikunu sostnuti attivitajiet ta' R&Ż u dawk xjentifiċi.

(30) L-Istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi l-objettivi ambjentali għal ekonomija sostenibbli, effiċjenti fir-rigward tal-enerġija u kompetittiva, pereżempju billi ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija b'20 % sal-2020. Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu rwol prinċipali x'jiżvolġi, kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. L-azzjonijiet proposti jinkludu l-aċċellerazzjoni tat-tqiegħed mal-Unjoni kollha ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija intelliġenti (grids u miters intelliġenti) billi jintużaw kapaċitajiet ta' komunikazzjoni ħalli jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, u l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u l-ġestjoni intelliġenti tat-traffiku sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mis-settur tat-trasport. L-użu effiċjenti tat-teknoloġiji tal-ispettru jista' anki jgħin biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija mit-tagħmir tar-radju u biex jiġi limitat l-impatt ambjentali f'żoni rurali u mbiegħda.

(31) Approċċ koerenti għall-awtorizzazzjoni tal-ispettru fl-Unjoni għandu jieħu kont sħiħ tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika mill-kampijiet elettromanjetiċi li hija essenzjali għall-benesseri taċ-ċittadini. Filwaqt li osservat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni ta' espożizzjoni tal-pubbliku ġenerali għall-kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 Hz) ([1]), huwa essenzjali li jiġi żgurat monitoraġġ kostanti tal-effetti jonizzanti u mhux jonizzanti tal-użu tal-ispettru fuq is-saħħa, inklużi l-effetti kumulattivi fuq il-ħajja reali tal-użu tal-ispettru f'diversi frekwenzi minn numru dejjem ikbar ta' tipi ta' tagħmir.

(32) L-objettivi essenzjali ta' interess ġenerali bħas-sikurezza tal-ħajja jappella għal soluzzjonijiet tekniċi koordinati għall-ħidma kkombinata tas-servizzi ta' sikurezza u ta' emerġenza bejn l-Istati Membri. Għandu jkun disponibbli fuq bażi koerenti spettru suffiċjenti għall-iżvilupp u għaċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi u tal-apparat tas-sikurezza u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet pan-Ewropej jew interoperabbli innovattivi ta' sikurezza u ta' emerġenza. Studji indikaw il-ħtieġa għal spettru armonizzat addizzjonali taħt il-1 GHz sabiex jiġu pprovduti servizzi broadband mobbli għall-PPDR, mal-Unjoni kollha bejn ħames u għaxar snin li ġejjin.

(33) Ir-regolamentazzjoni tal-ispettru għandha dimensjonijiet transkonfinali jew internazzjonali b'saħħithom, minħabba karatteristiċi ta' propagazzjoni, in-natura internazzjonali tas-swieq li jiddependu minn servizzi bbażati fuq ir-radju, u l-ħtieġa li tkun evitata interferenza dannuża bejn il-pajjiżi.

(34) Skont il-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta s-suġġett ta' ftehim internazzjonali jaqa' parzjalment fil-kompetenza tal-Unjoni u parzjalment fil-kompetenza tal-Istati Membri, huwa essenzjali li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dak l-obbligu ta' kooperazzjoni, kif kjarifikat f'każistika stabbilita sew, jirriżulta mill-prinċipju tal-għaqda fir-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(35) L-Istati Membri jistgħu wkoll ikunu jeħtieġu appoġġ dwar il-koordinazzjoni tal-frekwenzi f'negozjati bilaterali flimkien ma' pajjiżi ġirien tal-Unjoni, inklużi l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi li ser jissieħbu, sabiex jissodisfaw l-obbligi fil-liġi tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-frekwenzi. Dan għandu jgħin ukoll sabiex tkun evitata interferenza dannuża u tittejjeb l-effiċjenza tal-ispettru u l-konverġenza tal-użu tal-ispettru anki lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni.

(36) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni huwa importanti li jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali attwali għall-koordinazzjoni tal-politika u tal-ġestjoni tal-ispettru fil-livell tal-Unjoni, inkluż fi kwistjonijiet li jaffettwaw direttament żewġ Stati Membri jew aktar, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ il-kompetenza u l-għarfien espert tal-amministrazzjonijiet nazzjonali. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni huma wkoll essenzjali bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u s-CEPT.

(37) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]).

(38) Peress li l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, huwa bażikament, li jiġi stabbilit programm pluriennali ta' politika tal-ispettru tar-radju, ma jistax jiġi milħuq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni proposta, ikun milħuq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artiklu, din id-Deċiżjoni ma tmurx iktar minn dak li hu neċċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

([1]) ĠU L 199, 30.7.1999, p. 59.

([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(39) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati miksuba taħt din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar l-azzjonijiet futuri ppjanati.

(40) Fit-tfassil tal-proposta tagħha il-Kummissjoni ħadet bl-ikbar kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Grupp tal-Politika għall-Ispettru tar-Radju stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Għan u Ambitu**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru sabiex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern fl-oqsma ta' politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu ta' spettru, bħall-politika tal-komunikazzjoni elettronika, tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-ispazju, tat-trasport, tal-enerġija u tal-awdjoviżjoni.

Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-disponibbiltà suffiċjenti tal-ispettru għal oqsma oħrajn ta' politika tal-Unjoni bħall-protezzjoni ċivili u l-għajnuna fid-diżastri, u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

2. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal-liġi eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-Direttivi 1999/5/KE, 2002/20/KE u 2002/21/KE, u soġġett għall-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni, għad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, u għal miżuri meħuda fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

3. Din id-Deċiżjoni hi mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda fil-livell nazzjonali f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni, li tfittex li tikseb objettivi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari dawk relatati mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u tal-politika awdjoviżiva.

Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tagħhom għal finijiet tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika u għad-difiża. Meta din id-Deċiżjoni jew miżuri adottati f'konformità magħha f'meded ta' frekwenza speċifikati fl-Artikolu 6 li jaffettwaw l-użu tal-ispettru użat minn Stat Membru esklużivament u direttament għall-finijiet tiegħu ta' sigurtà pubblika jew difiża, l-Istat Membru, safejn ikun meħtieġ, jista' jkompli juża din il-medda ta' frekwenza għall-finijiet ta' sigurtà pubblika u difiża sakemm is-sistemi li hemm fil-medda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jew ta' miżura adottata f'konformità magħha, rispettivament, jitneħħew gradwalment. Dak l-Istat Membru għandu jinnotifika debitament lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu.

*Artikolu 2*

**Prinċipji regolatorji ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni b'mod trasparenti sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji regolatorji ġenerali li ġejjin fl-Unjoni kollha:

(a) tiġi applikata l-iktar sistema ta' awtorizzazzjoni adatta u dik l-anqas oneruża possibbli b'tali mod li jiġu massimizzati l-flessibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tal-ispettru. Tali sistema ta' awtorizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati;

(b) jitrawwem l-iżvilupp tas-suq intern billi tiġi promossa l-emerġenza ta' servizzi diġitali futuri fl-Unjoni kollha u billi titrawwem kompetizzjoni effettiva;

(c) jiġu promossi l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi evitata interferenza dannuża u tal-ħtieġa li tiġi żgurata l-kwalità teknika tas-servizz sabiex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà tas-servizzi broadband u jkun hemm rispons effettiv għal aktar traffiku ta' *data* bla fili;

(d) tiddefenixxi l-kondizzjonijiet tekniċi tal-użu tal-ispettru, jittieħed kont sħiħ tal-liġi tal-Unjoni rilevanti, inkluż il-limitazzjoni tal-espożizzjoni tal-pubbliku ġenerali għal kampi elettromanjetiċi;

(e) tiġi promossa n-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi fid-drittijiet tal-użu tal-ispettru, meta possibbli.

2. Għall-komunikazzjoni elettronika, minbarra l-prinċipji regolatorji ġenerali ddefiniti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-prinċipji speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw, f'konformità mal-Artikoli 8a, 9, 9a u 9b tad-Direttiva 2002/21/KE u mad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE:

(a) tiġi applikata n-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi fid-drittijiet tal-użu tal-ispettru għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u t-trasferiment jew it-twellija ta' drittijiet individwali tal-użu ta' frekwenzi tar-radju;

(b) tiġi promossa l-armonizzazzjoni tal-użu tal-frekwenzi tar-radju fl-Unjoni kollha, konsistenti mal-ħtieġa li jiġi żgurat użu effettiv u effiċjenti tagħhom;

(c) jiġi ffaċilitat aktar traffiku ta' *data* bla fili u servizzi broadband, b'mod partikolari billi titrawwem il-flessibbiltà, u tkun promossa l-innovazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi evitata l-interferenza dannuża u tiġi żgurata l-kwalità teknika tas-servizz.

*Artikolu 3*

**Objettivi tal-politika**

Sabiex jiffokaw fuq il-prijoritajiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex jappoġġjaw u jilħqu l-objettivi tal-politika li ġejjin:

(a) ikun inkoraġġit il-ġestjoni u l-użu effiċjenti tal-ispettru sabiex tiġi sodisfatta bl-aħjar mod id-domanda li dejjem tiżdied għall-użu tal-frekwenzi li jirriflettu l-valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti tal-ispettru;

([1]) ĠU L 198, 27.7.2002, p. 49.

(b) ikun hemm sforz biex jiġi allokat fil-ħin spettru suffiċjenti u adatt sabiex ikunu appoġġati l-objettivi tal-politika tal-Unjoni u biex tiġi sodisfatta bl-aħjar mod id-domanda dejjem ikbar għat-traffiku tad-*data* bla fili, biex b'hekk jippermettu l-iżvilupp ta' servizzi kummerċjali u pubbliċi, filwaqt li jitqiesu objettivi importanti ta' interess ġenerali bħalma huma d-diversità kulturali u pluraliżmu tal-media; għal dak il-għan, għandu jsir kull sforz biex jiġu identifikati, abbażi tal-inventarju stabbilit skond l-Artikolu 9, mill-inqas 1 200 MHz tal-ispettru adattat sa 2015. Dik il-figura tinkludi l-ispettru li diġà qed jintuża;

(c) titnaqqas il-qasma diġitali u tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, billi jitrawwem l-aċċess għall-broadband b'veloċita' ta' mhux inqas minn 30 Mbps sal-2020 għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u jsir possibbli li l-Unjoni jkollha l-ogħla veloċità u kapaċità ta' broadband possibbli;

(d) tingħata l-possibbiltà lill-Unjoni li tkun ta' eżempju fis-servizzi broadband ta' komunikazzjoni elettronika bla fili billi tiftaħ spettru suffiċjenti f'meded kostefficjenti biex dawk is-servizzi jkunu disponibbli f'medded kbar;

(e) jiġu żgurati opportunitajiet kemm għas-settur kummerċjali kif ukoll għal dawk pubbliċi permezz ta' żieda fil-kapaċitajiet tal-broadband mobbli;

(f) jiġu promossi l-innovazzjoni u l-investiment permezz ta' flessibbiltà msaħħa fl-użu tal-ispettru, permezz ta' applikazzjoni konsistenti fl-Unjoni kollha tal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz bejn soluzzjonijiet teknoloġiċi li jistgħu jiġu adottati u permezz ta' prevedibbiltà regolatorja adegwata kif provdut, fost l-oħrajn, fil-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika permezz tal-ftuħ ta' spettru armonizzat għal teknoloġiji avvanzati ġodda u permezz tal-possibbiltà li jiġu nnegozjati d-drittijiet tal-użu tal-ispettru, b'hekk jinħolqu opportunitajiet li jiġu żviluppati servizzi diġitali futuri għal-Unjoni kollha;

(g) jiġi ffaċilitat l-aċċess faċli għall-ispettru billi jsir użu mill-benefiċċji tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għal komunikazzjoni elettronika f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/20/KE;

(h) tiġi inkoraġġita l-kondiviżjoni tal-infrastruttura passiva fejn din tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja, kif previst fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/21/KE;

(i) tinżamm u tiġi żviluppata kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari fis-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, billi jkun hemm sforz biex jiġu evitati permezz ta' miżuri ex-ante, jew rimedji ex-post, l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' drittijiet tal-użu ta' frekwenzi tar-radju minn ċertu impriżi li tirriżulta fi ħsara sinifikanti lill-kompetizzjoni;

(j) titnaqqas il-frammentazzjoni u jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern sabiex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-ekonomiji ta' skala fil-livell tal-Unjoni billi jissaħħu l-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tekniċi għall-użu u d-disponibbiltà tal-ispettru, kif adatt;

(k) tkun evitata interferenza jew disturbi dannużi minn apparat ieħor tar-radju jew mhux tar-radju, fost l-oħrajn, billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' standards li jikkontribwixxu għall-użu effiċjenti tal-ispettru, u billi titkabbar l-immunità tar-riċevituri għall-interferenza, fejn jitqies partikolarment l-impatt kumulattiv tal-volumi u tad-densità dejjem ikbar tal-apparati u tal-applikazzjonijiet tar-radju;

(l) titrawwem l-aċċessibbiltà tal-prodotti u t-teknoloġiji l-ġodda għall-konsumatur sabiex tiġi żgurata l-approvazzjoni tal-konsumatur għat-transizzjoni għat-teknoloġija diġitali u biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tad-dividend diġitali;

(m) titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-Unjoni billi tittejjeb l-effiċjenza teknika u dik tal-enerġija tan-netwerks u t-tagħmir tal-komunikazzjoni bla fili.

*Artikolu 4*

**Iktar effiċjenza u flessibbiltà**

1. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom fejn adatt, irawmu l-użu kollettiv tal-ispettru kif ukoll l-użu kondiviż tal-ispettru.

L-Istati Membri għandhom irawmu wkoll l-iżvilupp ta' teknoloġiji attwali u ġodda, pereżempju, fir-radju konjittiv, inklużi dawk li jużaw "spazji bojod".

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex itejbu l-flessibbiltà fl-użu tal-ispettru, sabiex jippromwovu l-innovazzjoni u l-investiment, permezz tal-possibbiltà li jintużaw teknoloġiji ġodda u permezz ta' trasferiment jew twellija tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex irawmu l-iżvilupp u l-armonizzazzjoni tal-istandards għat-tagħmir tar-radju u għat-terminali tat-telekomunikazzjoni kif ukoll għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi bbażati, fejn ikun meħtieġ, fuq mandati ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni lill-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-istandards għat-tagħmir li jintuża minn persuni b'diżabbiltà.

4. L-Istati Membri għandhom irawmu attivitajiet tar-R&Ż fit-teknoloġiji ġodda bħat-teknoloġiji konjittivi u l-bażijiet tad-*data* tal-ġeolokazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fejn adatt, kriterji għas-selezzjoni u proċeduri għall-għotja ta' drittijiet tal-użu tal-ispettru li jippromwovu l-kompetizzjoni, l-investiment u l-użu effiċjenti tal-ispettru bħala ġid pubbliku, kif ukoll li jippromwovu l-koeżistenza bejn servizzi u tagħmir ġodda u eżistenti. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu effiċjenti kontinwu tal-ispettru għal netwerks, apparat u applikazzjonijiet.

6. Fejn meħtieġ sabiex ikun żgurat l-użu effettiv tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru u jkun evitat il-ħżin tal-ispettru, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jieħdu miżuri adatti, bħal penali finanzjarji, l-użu ta' għodod ta' tariffi ta' inċentiv jew l-irtirar tad-drittijiet. Tali mizuri ghandhom jigu stabbiliti u applikati b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat.

7. Sal-1 ta' Jannar 2013 l-Istati Membri għandhom jadottaw għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, miżuri ta' allokazzjoni u awtorizzazzjoni adatti għall-iżvilupp ta' servizzi ta' broadband, f'konformità mad-Direttiva 2002/20/KE, bil-għan li jinkisbu l-ogħla kapaċità possibbli u veloċitajiet ta' broadband.

8. Sabiex tkun evitata il-frammentazzjoni possibbli tas-suq intern minħabba kriterji diverġenti għas-selezzjoni u proċeduri għall-armonizzazzjoni tal-ispettru allokati lis-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u li setgħu jiġu nnegozjati fl-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 9b tad-Direttiva 2002/21/KE, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, tiffaċilita l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar tali spettru biex tiżdied il-konsistenza fl-Unjoni kollha, li tinkiseb permezz tal-prinċipji ta' newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz.

*Artikolu 5*

**Kompetizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu kompetizzjoni effettiva u għandhom jevitaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont id-Direttivi 2002/20/KE u 2002/21/KE.

Huma għandhom ukoll jieħdu kont tal-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni meta jagħtu d-drittijiet tal-użu tal-ispettru lil utenti ta' netwerks privati ta' komunikazzjoni elettronika.

2. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u għall-miżuri adottati mill-Istati Membri sabiex jinkisbu objettivi ta' interess ġenerali skont l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2002/21/KE l-Istati Membri jistgħu jadottaw, inter alia, miżuri:

(a) li jillimitaw l-ammont ta' spettru li għalih jingħataw drittijiet tal-użu lil kwalunkwe impriża, jew li jorbtu kondizzjonijiet ma' tali drittijiet tal-użu, bħall-provvista ta' aċċess bl-ingrossa, roaming nazzjonali jew reġjonali, f'ċerti meded jew f'ċerti gruppi ta' meded b'karatteristiċi simili, pereżempju l-meded taħt il-1 GHz allokati lis-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.Tali kondizzjonijiet addizzjonali jistgħu jiġu imposti biss mill-awtorità nazzjonali kompetenti;

(b) li jirriservaw, jekk ikun adatt fir-rigward tal-qagħda fis-suq nazzjonali, ċerta parti minn medda jew grupp ta' meded ta' frekwenza biex tiġi assenjata lil utenti ġodda;

(c) li jirrifjutaw li jagħtu drittijiet ġodda tal-użu tal-ispettru jew jippermettu użi ġodda tal-ispettru f'ċerti medded, jew jorbtu kondizzjonijiet mal-għoti ta' drittijiet tal-użi ġodda tal-ispettru jew mal-awtorizzazzjoni tal-użi tal-ispettru ġodda, sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni minn kwalunkwe assenjazzjoni, trasferiment jew akkumulazzjoni ta' drittijiet tal-użu;

(d) li jipprojbixxu jew jimponu kondizzjonijiet fuq trasferimenti ta' drittijiet tal-użu tal-ispettru, li ma jkunux soġġetti għall-kontroll tal-amalgamazzjonijiet nazzjonali jew tal-Unjoni, fejn dawn it-tipi tat-trasferimenti x'aktarx jirriżultaw fi ħsara sinifikanti lill-kompetizzjoni;

(e) li jemendaw id-drittijiet eżistenti f'konformità mad-Direttiva 2002/20/KE fejn dan ikun meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata ex-post id-distorsjoni tal-kompetizzjoni minn kwalunkwe trasferiment jew akkumulazzjoni ta' drittijiet tal-użu ta' frekwenzi tar-radju.

3. Meta l-Istati Membri jkunu jixtiequ jadottaw kwalunkwe miżura imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artiklu, huma għandhom jaġixxu f'konformità mal-proċeduri għall-impożizzjoni jew il-varjazzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-użu tal-ispettru stipulati fid-Direttiva 2002/20/KE.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' selezzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jippromwovu kompetizzjoni effettiva għall-benefiċċju taċ-ċittadini, konsumaturi u n-negozji fl-Unjoni.

*Artikolu 6*

**Ħtiġijiet tal-ispettru għall-komunikazzjoni broadband bla fili**

1. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li fl-Unjoni jkun disponibbli spettru suffiċjenti għal finijiet ta' kopertura u ta' kapaċità, sabiex l-Unjoni jkun jista' jkollha l-ogħla veloċitajiet ta' broadband fid-dinja, sabiex l-applikazzjonijiet bla fili u t-tmexxija Ewropea fir-rigward tas-servizzi l-ġodda jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tkabbir ekonomiku, u għal kisba tal-mira liċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal broadband b'veloċitajiet ta' mhux inqas minn 30 Mbps sal-2020.

2. Sabiex jippromwovu d-disponibbiltà akbar ta' servizzi broadband bla fili għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-konsumaturi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-meded koperti mid-Deċiżjonijiet 2008/411/KE (3,4–3,8 GHz), 2008/477/KE (2,5-2,69 GHz), u 2009/766/KE (900/1 800 MHz) skont it-termini u l-kondizzjonijiet deskritti f'dawk id-deċiżjonijiet. Soġġett għad-domanda tas-suq, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-proċess ta' awtorizzazzjoni mill-31 ta' Diċembru 2012 mingħajr preġudizzju għat-tqiegħed eżistenti tas-servizzi, u skont kondizzjonijiet li jippermettu aċċess faċli għal servizzi ta' broadband bla fili lill-konsumaturi.

3. L-Istati Membri għandhom irawmu l-aġġornament kontinwu min-naħa tal-forrnituri tal-komunikazzjoni elettronika, tan-netwerks tagħhom għat-teknoloġija l-aktar riċenti u l-aktar effiċjenti, bil-għan li joħolqu d-dividendi tal-ispettru tagħhom stess f'konformità mal-prinċipji tan-newtralità tas-servizz u tat-teknoloġija.

4. L-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Jannar 2013 iwettqu l-proċess ta' awtorizzazzjoni sabiex jippermettu l-użu tal-medda tat-800 MHz għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Il-Kummissjoni għandha tagħti derogi speċifiċi sal-31 ta' Diċembru tal-2015 lil Stati Membri li fihom ċirkostanzi nazzjonali jew lokali eċċezzjonali jew problemi ta' koordinazzjoni tal-frekwenza transkonfinali li jipprevjenu d-disponibbiltà tal-medda, u taħdem fuq applikazzjoni debitament motivata mill-Istat Membru kkonċernat.

Jekk wara l-31 ta' Diċembru 2015, jippersistu problemi sostanzjati ta' koordinazzjoni tal-frekwenza transkonfinali ta' Stat Membru ma' pajjiż wieħed jew aktar, inklużi pajjiżi kandidati jew pajjiżi li se jissieħbu, u jipprevjenu d-disponibbiltà ta' medda ta' 800 MHz, il-Kummissjoni għandha tagħti derogi eċċezzjonali fuq bażi annwali sakemm dawn il-problemi jiġu risolti.

Stat Membru li lilu ngħatat deroga skont l-ewwel jew t-tieni subparagrafu għandu jiżgura li l-użu ta' medda ta' 800 MHz ma tipprevjeniex d-disponibbiltà ta' dik il-medda għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika apparti minn dawk tax-xandir fl-Istati Membri ġirien.

Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-problemi ta' koordinazzjoni tal-ispettru fir-Repubblika ta' Ċipru li jirrizultaw mill-fatt li l-Gvern ta' Ċipru ma jistax jeżerċita kontroll effettiv f'parti mit-territorju tiegħu.

5. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jissorveljaw kontinwament ir-rekwiżiti ta' kapaċità għal servizzi ta' broadband bla fili. Abbażi tar-riżultati tal-analiżi msemmija fl-Artikoli 9(4), il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lil Kunsill sa l-1 ta' Jannar 2015 dwar jekk hemmx ħtieġa għal azzjoni biex jiġu armonizzati meded oħrajn ta' frekwenza.

L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li, fejn huwa adatt u f'konformita' mal-liġi tal-Unjoni l-ispiża diretta għall-migrazzjoni jew l-allokazzjoni mill-ġdid tal-użu tal-ispettru tkun adegwatament ikkumpensata skont il-liġi nazzjonali.

6. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jippromwovu l-aċċess għal servizzi broadband li jużaw il-medda 800MHz f'żoni remoti u b'popolazzjoni baxxa, fejn ikun adatt. Waqt li jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw modi u fejn ikun adatt, jieħdu miżuri tekniċi u regolatorji biex jiżguraw li l-ftuħ tal-medda ta' 800 MHz ma taffettwax ħażin lill-utenti tal-ħolqien ta' programmi u ta' avvenimenti speċjali (PMSE).

7. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tivvaluta l-ġustifikazzjoni u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-allokazzjonijiet ta' spettru mhux liċenzjat għal sistemi ta' aċċess bla fili, inklużi netwerks tar-radju għal żoni lokali.

8. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-trasferiment jew it-twellija ta' drittijiet tal-użu tal-ispettru fil-meded armonizzati 790–862 MHz, 880–915 MHz, 925–960 MHz, 1 710–1 785 MHz, 1 805–1 880 MHz, 1 900–1 980 MHz, 2 010–2 025 MHz, 2 110–2 170 MHz, 2,5–2,69 GHz, u 3,4–3,8 GHz.

9. Sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal servizzi diġitali avvanzati inkluż il-broadband, b'mod partikolari f'żoni mbiegħda u b'popolazzjoni baxxa, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jesploraw id-disponibbiltà ta' spettru suffiċjenti għall-provvista ta' servizzi satellitari broadband li jipprovdu l-possibbiltà ta' aċċess għall-Internet.

10. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jeżaminaw il-possibbiltà li jinxterdu d-disponibbiltà u l-użu taċ-ċelloli pico u femto. Huma għandhom iqisu b'mod sħiħ il-potenzjal ta' dawk l-istazzjonijiet ta' bażi ċellulari u tal-użu kondiviż u mingħajr liċenzja tal-ispettru biex tiġi pprovduta l-bażi għal netwerks bla fili tat-tip mesh, li jista' jkollhom rwol ewlieni biex titnaqqas il-qasma diġitali.

*Artikolu 7*

**Ħtiġijiet relatati tal-ispettru għal politika oħra ta' komunikazzjoni bla fili**

Sabiex jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal-media awdjoviżiva innovattiva u ta' servizzi oħrajn għaċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li jqisu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali ta' suq diġitali uniku, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li hemm disponibbiltà suffiċjenti tal-ispettru għall-provvista satellitari u terrestri ta' servizzi bħal dawn, jekk il-ħtieġa tkun sostanzjata b'mod ċar.

*Artikolu 8*

**Ħtigijiet relatati tal-ispettru għal politika speċifika oħra tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tal-ispettru u jipproteġu l-frekwenzi tar-radju meħtieġa għall-monitoraġġ tal-atmosfera u tas-superfiċje tad-Dinja, jippermettu l-iżvilupp u l-isfruttament tal-applikazzjonijiet spazjali u jtejbu s-sistemi ta' trasport, b'mod partikolari għas- sistema ċivili globali ta' navigazzjoni bis-satellita stabbiliti taħt il-programm Galileo ([1]), il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) ([2]), u sistemi intelliġenti ta' sikurezza tat-trasport u ġestjoni tat-trasport.

2. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, twettaq studji dwar l-iffrankar tal-enerġija fl-użu tal-ispettru sabiex jikkontribwixxu għal politika ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u għandhom jikkondisdraw jagħmlu l-ispettru għad-dispożizzjoni tat-teknoloġiji bla fili b'potenzjal biex jittejbu l-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija ta' netwerks oħrajn ta' distribuzzjoni bħall-provvista tal-ilma, inklużi l-grids intelliġenti tal-enerġija u s-sistemi ta' miters intelliġenti.

3. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipprova tiżgura li jkun disponibbli spettru suffiċjenti f'kondizzjonijiet armonizzati sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp ta' servizzi ta' sikurezza u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-apparat relatat kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli innovattivi għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-pubbliku, għall-protezzjoni ċivili u għall-għajnuna f'każ ta' diżastru.

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkollaboraw mal-komunità xjentifika u akkademika biex jidentifikaw għadd ta' inizjattivi ta' riċerka u ta' żvilupp kif ukoll applikazzjonijiet innovattivi li jista' jkolhom impatt soċjoekonomiku kbir u/jew potenzjal għal investiment u jikkunsidraw il-ħtiġijiet relatati mal-ispettru ta' applikazzjonijiet bħal dawn u, fejn meħtieġ, jikkunsidraw l-allokazzjoni ta' spettru suffiċjenti għal applikazzjonijiet bħal dawn f'kondizzjonijiet tekniċi armonizzati u bl-inqas piż amministrattiv oneruż.

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1).

5. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jipprovaw jiżguraw il-meded ta' frekwenza meħtieġa għall-PMSE, skont l-objettivi tal-Unjoni biex jittejbu l-integrazzjoni tas-suq intern u l-aċċess għall-kultura.

6. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipprovaw jiżguraw id-disponibbiltà tal-ispettru għall-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID) u teknoloġiji oħrajn tal-komunikazzjoni bla fili tal-"Internet tal-Affarijiet" (Internet of Things - IoT) u għandhom jikkooperaw biex irawmu l-iżvilupp tal-istandards u l-armonizzazzjoni tal-ispettru għall-komunikazzjoni tal-IoT fl-Istati Membri.

*Artikolu 9*

**Inventarju**

1. Inventarju ta' użi eżistenti tal-ispettru, kemm għal finijiet kummerċjali kif ukoll għal dawk pubbliċi huwa b'dan stabbilit.

L-inventarju għandu jservi għall-objettivi li ġejjin:

(a) jippermetti l-identifikazzjoni ta' meded ta' frekwenza fejn l-effiċjenza tal-użi eżistenti tal-ispettru tista' tittejjeb;

(b) jgħin fl-identifikazzjoni ta' meded tal-ispettru li jistgħu ikunu adattati għal opportunitajiet ta' allokazzjoni mill-ġdid u kondiviżjoni tal-ispettru sabiex tiġi appoġġata l-politika tal-Unjoni li tinsab f'din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqiesu ħtiġijiet futuri għal spettru bbażat, fost l-oħrajn, fuq it-talbiet tal-konsumaturi u l-operaturi, u l-possibbiltà li jiġu sodisfatti tali ħtiġijiet;

(c) jgħin fl-analiżi tad-diversi tipi ta' użu tal-ispettru kemm minn utenti privati kif ukoll minn dawk pubbliċi;

(d) jgħin fl-identifikazzjoni ta' meded ta' frekwenza li jistgħu jiġu allokati jew allokati mill-ġdid sabiex jittejjeb l-użu effiċjenti tagħhom, tiġi promossa l-innovazzjoni u tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq intern, fl-esplorazzjoni ta' mezzi ġodda għall-kondiviżjoni tal-ispettru, għall-benefiċċju kemm ta' utenti privati kif ukoll ta' dawk pubbliċi, filwaqt li jitqies l-impatt potenzjali pożittiv u negattiv tal-allokazzjoni u ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' tali meded u tal-meded li jmissu magħhom fuq l-utenti eżistenti.

2. Għall-iskop li tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, filwaqt li tagħti l-akbar konsiderazzjoni lill-fehmiet tal-Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG), għandha tadotta l-atti implimentattivi sal-1 ta' Lulju 2013:

(a) l-iżvilupp ta' arranġamenti prattiċi u formati uniformi għall-ġbir u l-provvista ta' *data* dwar l-użi eżistenti tal-ispettru mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, dment li jiġu rispettati r-regoli ta' kunfidenzjalità fin-negozju skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE u d-dritt tal-Istati Membri li ma jagħtux informazzjoni kunfidenzjali huma osservati, b'kont meħud tal-għan li jitnaqqas l-piż amministrattiv u l-obbligi eżistenti fuq l-Istati Membri skont liġi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari obbligazzjonijiet li tiġi pprovduta informazzjoni speċifika;

(b) l-iżvilupp ta' metodoloġija għall-analiżi ta' xejriet teknoloġiċi, ħtiġijiet futuri u d-domanda għall-ispettru f'oqsma ta' politika tal-Unjoni koperti minn din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari għal dawk is-servizzi li jistgħu joperaw fil-medda ta' frekwenza minn 400 MHz għal 6 GHz, sabiex jiġu identifikati l-użi sinifikanti li qed jiżviluppaw u dawk potenzjali tal-ispettru;

Dawk l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tamministra l-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 f'konformità mal-atti implimentattivi imniżżla fil-paragrafu 2.

4. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-analiżi ta' xejriet teknoloġiċi, ħtiġijiet futuri u d-domanda għall-ispettru f'konformità mal-atti implimentattivi msemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq ir-riżultati ta' dik l-analiżi.

*Artikolu 10*

**Negozjati internazzjonali**

1. F'negozjati internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet tal-ispettru, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) jekk is-suġġett tan-negozjati internazzjonali jaqa' fil-kompetenza tal-Unjoni, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Unjoni;

(b) jekk is-suġġett tan-negozjati internazzjonali jaqa' parzjalment fil-kompetenza tal-Unjoni u parzjalment fil-kompetenza tal-Istati Membri, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovaw jistabbilixxu pożizzjoni komuni f'konformità mar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera.

Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw f'konformità mal-prinċipju ta' unità fir-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

2. L-Unjoni għandha, meta tintalab tagħmel dan, tassisti lill-Istati Membri b'appoġġ legali, politiku u tekniku sabiex ikunu solvuti kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-ispettru ma' pajjiżi ġirien tal-Unjoni inklużi pajjiżi kandidati u pajjiżi li ser jissieħbu, b'tali mod li l-Istati Membri kkonċernati jkunu jistgħu josserva l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni. Fl-għoti ta' assistenza bħal din, l-Unjoni għandha tuża s-setgħat kollha politiċi u legali tagħha biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni.

L-Unjoni għandha tappoġġa wkoll l-isforzi ta' pajjiżi terzi biex jimplimentaw ġestjoni tal-ispettru li jkunu kompatibbli ma' dawk tal-Unjoni, sabiex jiġu salvagwardjati l-objettivi tal-politika dwar l-ispettru tal-Unjoni.

3. Meta jkunu qed jinnegozjaw b'mod bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom ikunu marbuta bl-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni. Meta jiffirmaw jew jaċċettaw b'xi mod ieħor kwalunkwe obbligu internazzjonali li jikkonċerna l-ispettru, l-Istati Membri għandhom jakkumpanjaw il-firma tagħhom jew kwalunkwe att ieħor ta' aċċettazzjoni b'dikjarazzjoni konġunta li tiddikjara li għandhom jimplimentaw tali ftehimiet jew impenji internazzjonali skont l-obbligi tagħhom taħt it-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 11*

**Kooperazzjoni fost il-korpi differenti**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-isfond istituzzjonali attwali, sabiex irawmu koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-ispettru fil-livell tal-Unjoni, inkluż fi kwistjonijiet li jaffetwaw direttament żewġ Stati Membri jew iktar, bil-għan li jigi żviluppat is-suq intern u jkun żgurat li l-objettivi tal-politika dwar l-ispettru tal-Unjoni jintlaħqu b'mod sħiħ.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi ta' standardizzazzjoni, is-CEPT, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u l-partijiet rilevanti kollha biex jikkooperaw mill-qrib fi kwistjonijiet tekniċi sabiex ikun promoss l-użu effiċjenti tal-ispettru. Għal dak il-għan, huma għandhom iżommu rabta koerenti bejn il-ġestjoni u l-istandardizzazzjoni tal-ispettru b'tali mod li jsaħħu s-suq intern.

*Artikolu 12*

**Konsultazzjoni pubblika**

Meta adatt, il-Kummissjoni għandha torganizza konsultazzjonijiet pubbliċi sabiex tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha kif ukoll il-fehmiet tal-pubbliku inġenerali dwar l-użu tal-ispettru fl-Unjoni.

*Artikolu 13*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-Kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att implimentattiv u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 14*

**Konformità mal-orjentazzjonijiet u l-objettivi tal-politika**

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk l-orjentazzjoniji u objettivi tal-poltika imniżla f'din id-Deċiżjoni sal-1 ta' Lulju 2015 sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 15*

**Rappurtar u Evalwazzjoni**

Sal-10 ta' April 2014 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet żviluppati u l-miżuri adottati skont din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-iskop ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Marzu 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | N. WAMMEN |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 244/2012

**tas-16 ta' Jannar 2012**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija [ir-rendiment enerġetiku tal-bini] ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/31/UE tesiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini.

(2) Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiffissaw rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini. Ir-rekwiżiti jridu jiġu ffissati sabiex jintlaħqu livelli kostottimali. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu jekk il-parametru referenzjarju nazzjonali użat bħala l-eżitu finali tal-kalkoli kostottimali huwiex dak ikkalkulat għal perspettiva makroekonomika (li tħares lejn il-kostijiet u l-benefiċċji tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika għas-soċjetà kollha) jew għal perspettiva strettament finanzjarja (li tħares biss lejn l-investiment innifsu). Ir-rekwiżiti minimi nazzjonali tar-rendiment enerġetiku ma għandhomx ikunu iktar minn 15 % iktar baxxi mill-eżitu tar-riżultati kostottimali tal-kalkolu kkunsidrat bħala l-parametru referenzjarju nazzjonali. Il-livell kostottimali għandu jkun fil-firxa tal-livelli ta' rendiment fejn l-analiżi tar-relazzjoni bejn il-kostijiet u l-benefiċċji tul iċ-ċiklu tal-ħajja tkun waħda pożittiva.

(3) Id-Direttiva 2010/31/UE tippromwovi t-tnaqqis tal-użu tal-enerġija fl-ambjent mibni, imma tenfasizza wkoll li s-settur tal-bini huwa sors prinċipali ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju.

(4) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ([2]) tipprovdi għall-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku għal prodotti bħal dawn. Meta jiffissaw ir-rekwiżiti nazzjonali għas-sistemi tekniċi użati fil-bini, l-Istati Membri jridu jqisu l-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti skont din id-Direttiva. Ir-rendimenti tal-prodotti għall-bini li għandhom jintużaw għall-kalkoli taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu ddeterminati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([3]).

(5) L-għan ta' livelli kosteffettivi jew kostottimali ta' effiċjenza enerġetika jista', f'ċerti ċirkustanzi, jiġġustifika l-iffissar mill-Istati Membri ta' rekwiżiti kosteffettivi jew kostottimali għall-elementi tal-bini li fil-prattika jostakolaw uħud mill-possibbiltajiet tad-disinn jew tekniċi tal-bini kif ukoll jistimolaw l-użu ta' prodotti relatati mal-enerġija b'rendiment enerġetiku aħjar.

(6) Il-passi li jiffurmaw il-qafas ta' metodoloġija komparattiva ġew stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 2010/31/UE u jinkludu l-istabbiliment ta' binjiet ta' referenza, id-definizzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika li għandhom jiġu applikati fir-rigward ta' dawn il-binjiet ta' referenza,

([1]) ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

([2]) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

([3]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

il-valutazzjoni tad-domanda għall-enerġija primarja ta' dawn il-miżuri u l-kalkolu tal-kostijiet (jiġifieri, il-valur preżenti nett) ta' dawn il-miżuri.

(7) Il-qafas komuni għall-kalkolu tar-rendiment enerġetiku kif ġie stabbilit fl-Anness I għad-Direttiva 2010/31/UE japplika wkoll għall-metodoloġija ta' qafas kostottimali għall-passi kollha tagħha, b'mod partikolari l-pass tal-kalkolu tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini.

(8) Sabiex il-qafas ta' metodoloġija komparattiva ikun adattat għaċ-ċirkustanzi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini u/jew tal-element tal-bini, il-kost xieraq għat-trasportaturi tal-enerġija, għall-prodotti, għas-sistemi, il-kostijiet tal-manutenzjoni, operattivi u tax-xogħol, il-fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja u l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija f'dan il-punt li għandhom jiġu preżunti għall-karburanti li ntużaw fil-kuntest nazzjonali tagħhom għall-enerġija li ntużat fil-bini, fejn titqies l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll ir-rata ta' skont li għandha tintuża kemm fil-kalkoli makroekonomiċi kif ukoll f'dawk finanzjarji wara li jkunu wettqu analiżi tas-sensittività għal mill-inqas żewġ rati tal-imgħax għal kull kalkolu.

(9) Sabiex ikun żgurat approċċ komuni għall-applikazzjoni tal-qafas ta' metodoloġija komparattiva mill-Istati Membri, huwa xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' qafas prinċipali meħtieġa għall-kalkoli tal-valur nett preżenti bħas-sena tal-bidu għall-kalkoli, il-kategoriji tal-kostijiet li għandhom jiġu kkunsidrati u l-perjodu tal-kalkolu li għandu jintuża.

(10) L-istabbiliment ta' perjodu tal-kalkolu komuni ma jidħolx f'kunflitt mad-dritt tal-Istati Membri li jiffissaw iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini u/jew tal-elementi tal-bini peress li tal-aħħar jista' jkun kemm itwal kif ukoll iqsar mill-perjodu tal-kalkolu ffissat. Iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat ta' bini jew ta' element tal-bini għandu biss influwenza limitata fuq il-perjodu tal-kalkolu peress li tal-aħħar jiġi pjuttost iddeterminat miċ-ċiklu ta' rinnovazzjoni ta' bini, li huwa l-perjodu ta' żmien li warajh il-bini jkun soġġett għal rinnovazzjoni maġġuri.

(11) Il-kalkoli u l-istimi tal-kostijiet b'bosta suppożizzjonijiet u inċertezzi, inklużi pereżempju l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija matul iż-żmien, ġeneralment ikunu akkumpanjati minn analiżi tas-sensittività sabiex tkun evalwata r-robustezza tal-parametri tad-dħul prinċipali. Għall-fini tal-kalkoli kostottimali, l-analiżi tas-sensittività għandha mill-inqas tindirizza l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija u r-rata ta' skont; idealment l-analiżi tas-sensittività għandha tinkludi wkoll l-iżviluppi futuri fil-prezzijiet tat-teknoloġija bħala input għar-reviżjoni tal-kalkoli.

(12) Il-qafas ta' metodoloġija komparattiva għandu jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex jipparagunaw ir-riżultati tal-kalkoli kostottimali mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku fis-seħħ u sabiex jużaw ir-riżultat tal-paragun ħalli jiżguraw li jiġu ffissati rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku biex jintlaħqu livelli kostottimali. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li jiffissaw rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku f'livell kostottimali għal dawk il-kategoriji ta' bini fejn sa issa ma jeżisti l-ebda rekwiżit minimu tar-rendiment enerġetiku.

(13) Il-metodoloġija kostottimali hija teknoloġikament newtrali u ma tiffavorix soluzzjoni teknoloġika fuq oħra. Hija tiżgura kompetizzjoni ta' miżuri/pakketti/varjanti matul il-ħajja stmata ta' bini jew ta' element tal-bini.

(14) Ir-riżultati tal-kalkoli u d-dejta tad-dħul u s-suppożizzjonijiet użati għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni kif ġie stipulat fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/31/UE. Dawn ir-rapporti għandhom jagħtu l-possibbiltà lill-Kummissjoni li tivvaluta u tirrapporta dwar il-progress li jkunu għamlu l-Istati Membri sabiex jilħqu l-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku.

(15) Sabiex ikun limitat il-piż amministrattiv tagħhom, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jnaqqsu l-għadd ta' kalkoli billi jistabbilixxu binjiet ta' referenza li jkunu rappreżentattivi ta' iktar minn kategorija waħda ta' bini, mingħajr ma dan jaffetwa d-dmir tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/31/UE li jiffissaw rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku għal ċerti kategoriji ta' bini.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Skont l-Artikolu 5, l-Anness I u l-Anness III tad-Direttiva 2010/31/UE, dan ir-Regolament jistabblixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva li għandu jintuża mill-Istati Membri għall-kalkolu ta' livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku ta' bini u ta' elementi tal-bini ġodda u eżistenti.

Il-qafas tal-metodoloġija jispeċifika r-regoli biex jiġu pparagunati miżuri tal-effiċjenza enerġetika, miżuri li jinkorporaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli u pakketti u varjanti ta' miżuri bħal dawn, fuq il-bażi tar-rendiment enerġetiku primarju u l-kost attribwit għall-implimentazzjoni tagħhom. Jistipula wkoll kif dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati għal binjiet ta' referenza magħżula bil-għan li jiġu identifikati l-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin filwaqt li għandu jiġi nnotat li għall-kalkolu fil-livell makroekonomiku, l-imposti u t-taxxi applikabbli għandhom jiġu esklużi:

(1) *Kost globali* tfisser is-somma tal-valur preżenti tal-kostijiet tal-investiment inizjali, is-somma tal-kostijiet amministrattivi, u l-kostijiet ta' sostituzzjoni (b'referenza għas-sena tal-bidu), kif ukoll il-kostijiet tar-rimi jekk dan ikun applikabbli. Għall-kalkolu fil-livell makroekonomiku, qed tiġi introdotta kategorija addizzjonali ta' kostijiet, jiġifieri *l-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra*;

(2) *Kostijiet tal-investiment inizjali* tfisser il-kostijiet kollha mġarrba sal-punt meta l-bini jew l-element tal-bini jiġi kkonsenjat lill-klijent, lest biex jintuża. Dawn il-kostijiet jinkludu d-disinn, ix-xiri tal-elementi tal-bini, il-konnessjoni mal-fornituri, il-proċessi ta' installazzjoni u ta' kummissjonar;

(3) *Kostijiet tal-enerġija* tfisser il-kostijiet annwali u l-imposti fissi u għall-ħinijiet l-iktar intensivi għall-enerġija inklużi t-taxxi nazzjonali;

(4) *Kostijiet operattivi* tfisser il-kostijiet kollha marbuta mat-tħaddim tal-bini, inklużi l-kostijiet annwali għall-assigurazzjoni, l-imposti tal-utilitajiet u imposti u taxxi fissi oħrajn;

(5) *Kostijiet tal-manutenzjoni* tfisser il-kostijiet annwali għal miżuri biex tiġi ppreservata u rrestawrata l-kwalità mixtieqa tal-bini jew tal-element tal-bini. Dawn jinkludu l-kostijiet annwali għall-ispezzjoni, għat-tindif, għall-aġġustamenti, għat-tiswijiet u għall-oġġetti li jistgħu jiġu kkonsmati;

(6) *Kostijiet amministrattivi* tfisser il-kostijiet annwali tal-manutenzjoni, il-kostijiet operattivi u l-kostijiet tal-enerġija;

(7) *Kostijiet tar-rimi* tfisser il-kostijiet għad-dekostruzzjoni fi tmiem il-ħajja ta' bini jew ta' element tal-bini u jinkludu d-dekostruzzjoni, it-tneħħija tal-elementi tal-bini li għadhom ma waslux fi tmiem ħajjithom, it-trasport u r-riċiklaġġ;

(8) *Kost annwali* tfisser is-somma tal-kostijiet amministrattivi u tal-kostijiet perjodiċi jew tal-kostijiet ta' sostituzzjoni li jitħallsu f'sena partikolari;

(9) *Kost ta' sostituzzjoni* tfisser investiment ta' sostituzzjoni għal element tal-bini, f'konformità maċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini waqt il-perjodu tal-kalkolu;

(10) *Kost tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra* tfisser il-valur monetarju tal-ħsara ambjentali kkważata mill-emissjonijiet tas-$CO_2$ relatati mal-konsum tal-enerġija fil-bini;

(11) *Bini ta' referenza* tfisser bini ta' referenza ipotetiku jew reali li jirrappreżenta l-ġeometrija u s-sistemi tipiċi tal-bini, ir-rendiment enerġetiku tipiku kemm għall-involkru kif ukoll għas-sistemi tal-bini, il-funzjonalità tipika u l-istruttura tipika tal-kostijiet fl-Istat Membru u huwa rappreżentattiv tal-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-lokalità ġeografika;

(12) *Rata ta' skont* tfisser valur definit għall-paragun tal-valur tal-flus fi żminijiet differenti espress f'termini reali;

(13) *Fattur ta' skont* tfisser numru tal-multiplikazzjoni li jintuża sabiex fluss tal-flus li jseħħ fi żmien partikolari jiġi kkonvertit għall-valur ekwivalenti tiegħu fil-punt tal-bidu. Huwa jiġi dderivat mir-rata ta' skont;

(14) *Sena tal-bidu* tfisser is-sena li fuqha huwa bbażat kwalunkwe kalkolu u li minnha jiġi ddeterminat il-perjodu tal-kalkolu;

(15) *Perjodu tal-kalkolu* tfisser il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-kalkolu ġeneralment espress fi snin;

(16) *Valur residwu* ta' bini tfisser is-somma tal-valuri residwi tal-bini u tal-elementi tal-bini fi tmiem il-perjodu tal-kalkolu;

(17) *Żvilupp fil-prezzijiet* tfisser l-iżvilupp maż-żmien tal-prezzijiet għall-enerġija, għall-prodotti, għas-sistemi tal-bini, għas-servizzi, għax-xogħol, għall-manutenzjoni u għal kostijiet oħra u jista' jkun differenti mir-rata tal-inflazzjoni;

(18) *Miżura tal-effiċjenza enerġetika* tfisser bidla f'bini li tirriżulta fi tnaqqis tal-ħtieġa ta' enerġija primarja tal-bini;

(19) *Pakkett* tfisser sett ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika u/jew ta' miżuri bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli applikati għal bini ta' referenza;

(20) *Varjant* tfisser ir-riżultat u d-deskrizzjoni globali ta' sett sħiħ ta' miżuri/pakketti applikat għal bini li jista' jkun magħmul minn taħlita ta' miżuri dwar l-involkru tal-bini, ta' tekniki passivi, ta' miżuri dwar is-sistemi tal-bini u/jew ta' miżuri bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(21) *Sottokategoriji ta' bini* tfisser kategoriji ta' tipi ta' bini li huma iktar diżaggregati skont id-daqs, l-età, il-materjal tal-kostruzzjoni, il-mudell tal-użu, iż-żona klimatika jew kriterji oħrajn minn dawk stabbiliti fl-Anness I(5) għad-Direttiva 2010/31/UE. Huwa għal sottokategoriji bħal dawn li ġeneralment jiġu stabbiliti binjiet ta' referenza;

(22) *Enerġija fornuta* tfisser enerġija, espressa għal kull trasportatur tal-enerġija, ipprovduta lis-sistema teknika użata fil-bini permezz tal-konfini tas-sistema, sabiex jiġu ssodisfati l-użi meqjusa (it-tisħin, it-tkessiħ, il-ventilazzjoni, l-ilma sħun domestiku, id-dawl, it-tagħmir, eċċ.) jew sabiex jiġi prodott l-elettriku;

(23) *Enerġija meħtieġa għat-tisħin u għat-tkessiħ* tfisser sħana li għandha titwassal fi jew tiġi estratta minn spazju kkundizzjonat sabiex jinżammu l-kundizzjonijiet tat-temperatura mixtieqa waqt perjodu partikolari ta' żmien;

(24) *Enerġija esportata* tfisser enerġija espressa għal kull trasportatur tal-enerġija fornuta mis-sistema teknika użata fil-bini permezz tal-konfini tas-sistema u li tintuża barra mill-konfini tas-sistema;

(25) *Spazju kkundizzjonat* tfisser spazju fejn ċerti parametri ambjentali bħat-temperatura, l-umdità, eċċ. jiġu rregolati b'mezzi tekniċi bħat-tisħin u t-tkessiħ, eċċ.;

(26) *Enerġija minn sorsi rinnovabbli* tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri enerġija mir-riħ, solari, aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass mill-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet.

*Artikolu 3*

**Il-qafas ta' metodoloġija komparattiva**

1. Meta jikkalkulaw il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-qafas ta' metodoloġija komparattiva stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Il-qafas jippreskrivi l-kalkolu ta' livelli kostottimali kemm għal perspettiva makroekonomika kif ukoll għal perspettiva finanzjarja, imma jħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddeterminaw liema minn dawn il-kalkoli għandu jsir il-parametru referenzjarju nazzjonali li skontu għandhom jiġu vvalutati r-rekwiżiti minimi nazzjonali tar-rendiment enerġetiku.

2. Għall-fini tal-kalkoli, l-Istati Membri għandhom:

(a) Jieħdu bħala s-sena tal-bidu għall-kalkolu s-sena li fiha ikun qed isir il-kalkolu;

(b) Jużaw il-perjodu tal-kalkolu fl-Anness I għal dan ir-Regolament;

(c) Jużaw il-kategoriji tal-kostijiet fl-Anness I għal dan ir-Regolament;

(d) Jużaw bħala limitu minimu inferjuri għall-ikkostjar tal-karbonju l-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS previsti kif mogħtija fl-Anness II.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw il-qafas ta' metodoloġija komparattiva billi jiddeterminaw għall-fini tal-kalkoli:

(a) Iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini u/jew tal-element tal-bini;

(b) Ir-rata ta' skont;

(c) Il-kostijiet għat-trasportaturi tal-enerġija, għall-prodotti, għas-sistemi, il-kost tal-manutenzjoni, il-kostijiet operattivi u l-kostijiet tax-xogħol;

(d) Il-fatturi tal-enerġija primarja;

(e) L-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija li għandhom jiġu preżunti għat-trasportaturi kollha tal-enerġija fejn titqies l-informazzjoni fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkalkulaw u jadottaw livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku b'rabta ma' dawk il-kategoriji ta' bini fejn sa issa ma jeżisti l-ebda rekwiżit minimu speċifiku tar-rendiment enerġetiku.

5. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi sabiex jiddeterminaw is-sensittività tal-eżiti tal-kalkoli għall-bidliet fil-parametri applikati, li tkopri mill-inqas l-impatt tal-iżviluppi differenti fil-prezzijiet tal-enerġija u r-rati ta' skont għall-kalkoli makroekonomiċi u finanzjarji, u idealment anki parametri oħrajn li huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-kalkoli bħall-iżviluppi fil-prezzijiet għal elementi oħrajn għajr l-enerġija.

*Artikolu 4*

**Paragun tal-livelli kostottimali kkalkulati mar-rekwiżiti minimi attwali tar-rendiment enerġetiku**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu wara li jkunu kkalkulaw il-livelli tar-rekwiżiti kostottimali kemm għal perspettiva makroekonomika kif ukoll għal perspettiva finanzjarja, liema minnhom għandu jsir il-parametru referenzjarju u għandhom jirrappurtaw din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni bħala parti mir-rappurtar imsemmi skont l-Artikolu 6.

L-Istati Membri għandhom jipparagunaw l-eżitu tal-kalkolu magħżul bħala l-parametru referenzjarju nazzjonali msemmi fl-Artikolu 3 mar-rekwiżiti tar-rendiment enerġetiku attwali għall-kategorija tal-bini rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżultat ta' dan il-paragun sabiex jiżguraw li ġew iffissati rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku sabiex jintlaħqu livelli kostottimali skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/31/UE. Huwa rrakkomandat b'mod qawwi li l-Istati Membri jorbtu l-inċentivi fiskali u finanzjarji mal-konformità mal-eżitu tal-kalkolu kostottimali tal-istess bini ta' referenza.

2. Jekk l-Istati Membri ddefinixxew il-bini ta' referenza b'tali mod li r-riżultat tal-kalkolu kostottimali jkun applikabbli għal diversi kategoriji ta' bini, huma jistgħu jużaw dan ir-riżultat sabiex jiżguraw li jiġu ffissati rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku sabiex jintlaħqu livelli kostottimali għall-kategoriji kollha rilevanti ta' bini.

*Artikolu 5*

**Analiżi tal-kalkoli kostottimali**

1. L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-kalkoli kostottimali tagħhom fi żmien xieraq għall-analiżi tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tagħhom mitluba bl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/31/UE. Għall-analiżi, jeħtieġ b'mod partikolari li l-iżviluppi fil-prezzijiet għad-dejta tad-dħul dwar il-kostijiet jiġu analizzati u, jekk dan ikun meħtieġ, aġġornati.

2. Ir-riżultati ta' din l-analiżi għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni fir-rapport ipprovdut mill-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni d-dejta tad-dħul u s-suppożizzjonijiet kollha li ntużaw għall-kalkoli u r-riżultati ta' dawk il-kalkoli. Dan ir-rapport għandu jinkludi l-fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja applikati, ir-riżultati tal-kalkoli fil-livell makroekonomiku u f'dak finanzjarju, l-analiżi tas-sensittività msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament u l-iżviluppi preżunti fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-karbonju.

2. Jekk ir-riżultat tal-paragun imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament juri li r-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku fis-seħħ huma ferm inqas effiċjenti mil-lat enerġetiku mil-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku, ir-rapport għandu jinkludi kwalunkwe ġustifikazzjoni għad-differenza. Sa fejn id-differenza ma tistax tiġi ġġustifikata, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn pjan li jiddeskrivi fil-qosor

il-passi xierqa sabiex id-differenza titnaqqas għal daqs mhux sinifikanti sal-analiżi li jmiss. F'dan ir-rigward, il-livell ferm inqas effiċjenti mil-lat enerġetiku tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku fis-seħħ għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-medja tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku kollha fis-seħħ u l-medja tal-livelli kostottimali kollha tal-kalkolu użat bħala l-parametru referenzjarju nazzjonali tal-binjiet ta' referenza kollha u tat-tipi ta' bini kollha użati.

3. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-mudell tar-rappurtar ipprovdut fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mid-9 ta' Jannar 2013 għal bini okkupat minn awtoritajiet pubbliċi u mid-9 ta' Lulju 2013 għal bini ieħor ħlief għall-Artikolu 6.1 ta' dan ir-Regolament, li għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2012, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5.2 tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija [ir-rendiment enerġetiku tal-bini].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Il-qafas ta' metodoloġija kostottimali**

1. L-ISTABBILIMENT TAL-BINJIET TA' REFERENZA

(1) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bini ta' referenza għall-kategoriji ta' bini li ġejjin:

1. bini għal familja waħda;

2. blokki ta' appartamenti u bini li jospita iktar minn familja waħda;

3. bini għall-uffiċċji.

(2) Minbarra l-bini għall-uffiċċji, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bini ta' referenza għal kategoriji oħrajn ta' bini mhux residenzjali elenkati fil-paragrafi (5)d sa 5(i) tal-Anness I għad-Direttiva 2010/31/UE li għalihom jeżistu rekwiżiti speċifiċi tar-rendiment enerġetiku.

(3) Jekk Stat Membru jkun jista' juri fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament li bini ta' referenza stabbilit jista' jkun applikabbli fir-rigward ta' iktar minn kategorija waħda ta' bini, huwa jista' jnaqqas l-għadd ta' binjiet ta' referenza użat u b'hekk l-għadd tal-kalkoli. L-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw dan l-approċċ abbażi ta' analiżi li turi li bini ta' referenza li qed jintuża sabiex jaqdi diversi kategoriji ta' bini huwa rappreżentattiv tal-istokk tal-bini għall-kategoriji kollha koperti.

(4) Għal kull kategorija ta' bini, għandu jiġi stabbilit għall-inqas bini wieħed ta' referenza għall-bini l-ġdid u mill-inqas tnejn għall-bini eżistenti soġġetti għal rinnovazzjoni maġġuri. Il-binjiet ta' referenza jista' jiġi stabbilit abbażi ta' sottokategoriji ta' bini (eż. differenzjati skont id-daqs, l-età, l-istruttura tal-kostijiet, il-materjal ta' kostruzzjoni, il-mudell tal-użu jew iż-żona klimatika) li jqisu l-karatteristiċi tal-istokk tal-bini nazzjonali. Il-binjiet ta' referenza u l-karatteristiċi tagħhom għandhom jikkorrispondu għall-istruttura tar-rekwiżiti attwali jew ippjanati tar-rendiment enerġetiku.

(5) L-Istati Membri jistgħu jużaw il-mudell tar-rappurtar ipprovdut fl-Anness III sabiex jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-parametri kkunsidrati fl-istabbiliment tal-binjiet ta' referenza. Is-sett ta' dejta sottostanti dwar l-istokk tal-bini nazzjonali użat għall-istabbiliment tal-binjiet ta' referenza għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 6. B'mod partikolari, għandha tiġi ġġustifikata l-għażla tal-karatteristiċi li jsostnu l-istabbiliment tal-binjiet ta' referenza.

(6) Għall-bini eżistenti (kemm residenzjali kif ukoll mhux residenzjali), l-Istati Membri għandhom japplikaw mill-inqas miżura waħda/pakkett wieħed/varjant wieħed li t/jirrappreżenta rinnovazzjoni standard meħtieġa għall-manutenzjoni tal-bini/unità ta' bini (mingħajr miżuri addizzjonali tal-effiċjenza enerġetika lil hinn mir-rekwiżiti legali).

(7) Għall-bini l-ġdid (kemm residenzjali kif ukoll mhux residenzjali), ir-rekwiżiti minimi attwalment applikabbli tar-rendiment enerġetiku għandhom jikkostitwixxu r-rekwiżit bażiku li għandu jiġi ssodisfat.

(8) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livelli kostottimali anki għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment għall-elementi tal-bini installati fil-bini eżistenti jew għandhom jidderivawhom mill-kalkoli magħmula fil-livell tal-bini. Meta jiffissaw ir-rekwiżiti għall-elementi tal-bini installati fil-bini eżistenti, ir-rekwiżiti kostottimali għandhom, sa fejn ikun possibbli, iqisu l-interazzjoni ta' dak l-element tal-bini mal-bini ta' referenza kollu u ma' elementi tal-bini oħrajn.

(9) L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkalkulaw u jiffissaw rekwiżiti kostottimali fil-livell tas-sistemi tekniċi individwali użati fil-bini għall-bini eżistenti jew jidderivawhom mill-kalkoli magħmula fil-livell tal-bini mhux biss għat-tisħin, għat-tkessiħ, għall-ilma sħun, għall-kundizzjonament tal-arja u għall-ventilazzjoni (jew taħlita ta' sistemi bħal dawn), imma anki għas-sistemi tad-dawl għall-bini mhux residenzjali.

2. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-MIŻURI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA, TAL-MIŻURI BBAŻATI FUQ SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI U/JEW TA' PAKKETTI U TA' VARJANTI TA' MIŻURI BĦAL DAWN GĦAL KULL BINI TA' REFERENZA

(1) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika kemm għall-bini l-ġdid kif ukoll għall-bini eżistenti għandhom jiġu ddefiniti għall-parametri tad-dħul kollha għall-kalkolu li jkollhom impatt dirett jew indirett fuq ir-rendiment enerġetiku tal-bini, inkluż għal sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja bħal sistemi ta' provvista tal-enerġija distrettwali u l-alternattivi l-oħra elenkati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2010/31/UE.

(2) Il-miżuri jistgħu jiġu raggruppati ma' pakketti ta' miżuri jew varjanti. Jekk ċerti miżuri ma jkunux adattati f'kuntest lokali, ekonomiku jew klimatiku, l-Istati Membri għandhom jindikaw dan fir-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Istati Membri għandhom jidentifikaw ukoll il-miżuri/pakketti/varjanti li jużaw enerġija rinnovabbli kemm għall-bini l-ġdid kif ukoll għall-bini eżistenti. L-obbligi vinkolanti stabbiliti fl-applikazzjoni nazzjonali tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom jiġu kkunsidrati bħala miżura waħda/pakkett wieħed/varjant wieħed li għandha/għandu t/jiġi applikat/a f'dak l-Istat Membru.

(4) Il-miżuri/pakketti/varjanti tal-effiċjenza enerġetika identifikati għall-kalkolu tar-rekwiżiti kostottimali għandhom jinkludu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r- rekwiżiti minimi attwalment applikabbli tar-rendiment enerġetiku. Jekk ikun applikabbli, huma għandhom jinkludu anki l-miżuri/pakketti/varjanti meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jinkludu anki l-miżuri/pakketti/varjanti meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku għal bini b'użu ta' ammont ta' enerġija ekwivalenti għal kważi żero għall-bini l-ġdid u possibbilment anki dak eżistenti kif ġie ddefinit mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE.

(5) Jekk Stat Membru jista' juri, billi jissottometti analiżijiet tal-kostijiet preċedenti bħala parti mir-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 6, li ċerti miżuri/pakketti/varjanti mhuma kostottimali xejn, dawn jistgħu jiġu esklużi mill-kalkolu. Madankollu, miżuri/pakketti/varjanti bħal dawn għandhom jerġgħu jiġu analizzati fl-analiżi tal-kalkoli li jkun imiss.

(6) Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri bbażati fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli magħżula, kif ukoll il-pakketti/varjanti, għandhom ikunu kompatibbli mar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini kif ġew elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 305/2011 u kif ġew speċifikati mill-Istati Membri. Għandhom ikunu kompatibbli wkoll ma' livelli ta' kwalità tal-arja u ta' kumdità fuq ġewwa tal-bini skont l-istandard CEN 15251 dwar il-kwalità tal-arja ta' ġol-bini jew l-istandards nazzjonali ekwivalenti. F'każijiet fejn il-miżuri jipproduċu livelli ta' kumdità differenti, dan għandu jkun trasparenti fil-kalkoli.

3. IL-KALKOLU TAD-DOMANDA GĦALL-ENERĠIJA PRIMARJA LI TIRRIŻULTA MILL-APPLIKAZZJONI TA' MIŻURI U TA' PAKKETTI TA' MIŻURI BĦAL DAWN FIR-RIGWARD TA' BINI TA' REFERENZA

(1) Ir-rendiment enerġetiku jiġi kkalkulat skont il-qafas ġenerali komuni pprovdut fl-Anness I għad-Direttiva 2010/31/UE

(2) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ir-rendiment enerġetiku tal-miżuri/pakketti/varjanti billi jikkalkulaw, għall-erja tal-art iddefinita fil-livell nazzjonali, l-ewwel l-enerġija meħtieġa għat-tisħin u għat-tkessiħ. Imbagħad tiġi kkalkulata l-enerġija fornuta għat-tisħin, għat-tkessiħ u għall-ventilazzjoni tal-ispazju, kif ukoll għas-sistemi tal-ilma sħun domestiku u tad-dawl.

(3) L-enerġija prodotta fuq il-post għandha titnaqqas mid-domanda għall-enerġija primarja u mill-enerġija fornuta.

(4) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw l-użu tal-enerġija primarja li jirriżulta billi jużaw il-fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja stabbiliti fil-livell nazzjonali. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja fir-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Istati Membri għandhom jużaw:

(a) jew l-istandards CEN eżistenti li jkunu rilevanti għall-kalkolu tar-rendiment enerġetiku,

(b) jew metodu ta' kalkolu nazzjonali ekwivalenti sakemm dan tal-aħħar ikun konformi mal-Artikolu 2(4) u l-Anness I tad-Direttiva 2010/31/UE.

(6) Ir-riżultati tar-rendiment enerġetiku għandhom, għall-fini tal-kalkolu kostottimali, ikunu espressi f'metri kwadri ta' erja utli tal-art ta' bini ta' referenza u għandhom jirreferu għad-domanda għall-enerġija primarja.

4. IL-KALKOLU TAL-KOST GLOBALI F'TERMINI TA' VALUR PREŻENTI NETT GĦAL KULL BINI TA' REFERENZA

4.1. **Kategoriji tal-kostijiet**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jiddeskrivu l-kategoriji separati tal-kostijiet li ġejjin li għandhom jintużaw:

(a) *Il-kostijiet tal-investiment inizjali.*

(b) *Il-kostijiet amministrattivi.* Dawn jinkludu l-kostijiet għas-sostituzzjoni perjodika tal-elementi tal-bini u jistgħu jinkludu, jekk dan ikun xieraq, il-qligħ mill-enerġija prodotta li l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw fil-kalkolu finanzjarju.

(c) *Il-kostijiet tal-enerġija* għandhom jirriflettu l-kost tal-enerġija totali, li jinkludi l-prezz tal-enerġija, it-tariffi tal-kapaċità u t-tariffi tal-grilja.

(d) *Il-kostijiet tar-rimi* jekk dan ikun xieraq.

Għall-kalkolu fil-livell makroekonomiku, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu anki l-kategorija tal-kostijiet:

(e) *Il-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.* Dawn għandhom jirriflettu l-kostijiet operattivi kkwantifikati, immonetizzati u skontati tas-$CO_2$ li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ tul il-perjodu tal-kalkolu.

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

4.2. **Prinċipji ġenerali għall-kalkolu tal-kostijiet**

(1) Meta ssir stima tal-iżviluppi fil-kostijiet tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-previżjonijiet tal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Anness II għal dan ir-Regolament għaż-żejt, għall-gass, għall-faħam u għall-elettriku, fejn jibdew bil-prezzijiet medji assoluti tal-enerġija (espressi f'euro) għal dawn is-sorsi tal-enerġija fis-sena tal-eżerċizzju tal-kalkolu.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu anki l-previżjonijiet tal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija nazzjonali għal trasportaturi oħrajn tal-enerġija li ntużaw b'mod sinifikanti fil-kuntest reġjonali/lokali tagħhom u jekk dan ikun xieraq anki għat-tariffi tal-ħinijiet l-iktar intensivi. Huma għandhom jirrappurtaw ix-xejriet tal-prezzijiet stmati u l-ishma attwali tat-trasportaturi tal-enerġija differenti fl-użu tal-enerġija tal-bini lill-Kummissjoni.

(2) L-effett tal-iżviluppi futuri (mistennija) fil-prezzijiet għajr għall-kostijiet tal-enerġija, is-sostituzzjoni tal-elementi tal-bini waqt il-perjodu tal-kalkolu u l-kostijiet tar-rimi, fejn dan ikun applikabbli, jistgħu wkoll ikunu inklużi fil-kalkolu tal-kostijiet. L-iżviluppi fil-prezzijiet, permezz tal-innovazzjoni u tal-adattament tat-teknoloġiji, iridu jitqiesu meta l-kalkoli jiġu riveduti u aġġornati.

(3) Id-dejta dwar il-kostijiet għall-kategoriji tal-kostijiet a) sa d) għandha tkun ibbażata fuq is-suq u għandha tkun koerenti fir-rigward tal-lokalità u taż-żmien. Il-kostijiet għandhom ikunu espressi bħala kostijiet reali, eskluża l-inflazzjoni. Il-kostijiet għandhom jiġu vvalutati fil-livell tal-pajjiż.

(4) Meta jiġi ddeterminat il-kost globali ta' miżura/pakkett/varjant, dawn li ġejjin jistgħu jitħallew barra:

(a) Il-kostijiet li jkunu l-istess għall-miżuri/pakketti/varjanti vvalutati kollha;

(b) Il-kostijiet relatati mal-elementi tal-bini li ma għandhom l-ebda influwenza fuq ir-rendiment enerġetiku tal-bini.

Il-kostijiet l-oħra kollha jeħtieġ li jitqiesu kompletament għall-kalkolu tal-kostijiet globali.

(5) Il-valur residwu għandu jiġi ddeterminat b'deprezzament lineari tal-kost tal-investiment inizjali jew tas-sostituzzjoni ta' element tal-bini partikolari sa tmiem il-perjodu tal-kalkolu skontat għall-bidu tal-perjodu tal-kalkolu. Iż-żmien tad-deprezzament jiġi ddeterminat mill-ħajja ekonomika tal-bini jew tal-element tal-bini. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-valuri residwi tal-elementi tal-bini jiġu korretti għall-kost li jitneħħew mill-bini fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini.

(6) Il-kostijiet tar-rimi, jekk dan ikun applikabbli, għandhom jiġu skontati u jistgħu jitnaqqsu sal-valur finali. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-ewwel jiġu skontati lura mill-ħajja ekonomika stmata sa tmiem il-perjodu tal-kalkolu u sussegwentement skontati lura sal-bidu tal-perjodu tal-kalkolu.

(7) Fi tmiem il-perjodu tal-kalkolu, il-kostijiet tar-rimi (jekk dan ikun applikabbli) jew il-valur residwu tal-komponenti u tal-elementi tal-bini jitqiesu sabiex jiġu ddeterminati l-kostijiet finali tul iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat tal-bini.

(8) L-Istati Membri għandhom jużaw perjodu tal-kalkolu ta' 30 sena għall-bini residenzjali u pubbliku, u perjodu tal-kalkolu ta' 20 sena għall-bini kummerċjali u mhux residenzjali.

(9) L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-Anness A tal-EN 15459 dwar id-dejta ekonomika għall-elementi tal-bini meta jiddefinixxu l-ħajjiet ekonomiċi stmati għal dawk l-elementi tal-bini. Jekk għall-elementi tal-bini jiġu stabbiliti ħajjiet ekonomiċi stmati oħrajn, dawn għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni bħala parti mir-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 6. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fil-livell nazzjonali ċ-ċiklu tal-ħajja ekonomiku stmat ta' bini.

4.3. **Il-kalkolu tal-kostijiet globali għal kalkolu finanzjarju**

(1) Meta jiġi ddeterminat il-kost globali ta' miżura/pakkett/varjant għall-kalkolu finanzjarju, il-prezzijiet rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati huma l-prezzijiet imħallsa mill-klijent, inklużi t-taxxi kollha applikabbli, fosthom il-VAT u l-imposti. Idealment anki s-sussidji disponibbli għall-varjanti/pakketti/miżuri differenti għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu, imma l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jħallu s-sussidji fil-ġenb, filwaqt li f'dak il-każ, madankollu, jiżguraw li kemm is-sussidji kif ukoll l-iskemi ta' appoġġ għat-teknoloġiji, imma anki possibbilment is-sussidji eżistenti għall-prezzijiet tal-enerġija jitneħħew.

(2) Il-kostijiet globali għall-bini u għall-elementi tal-bini għandhom jiġu kkalkulati billi jingħaddu flimkien it-tipi differenti ta' kostijiet u fir-rigward tagħhom tiġi applikata r-rata ta' skont permezz ta' fattur ta' skont sabiex dawn ikunu espressi f'termini ta' valur fis-sena tal-bidu, flimkien mal-valur residwu skontat kif ġej:

$$C_g(\tau) = C_I + \sum_j \left[ \sum_{i=1}^{\tau} (C_{a,i}(j) \times R_d(i)) - V_{f,\tau}(j) \right]$$

fejn:

$\tau$ tfisser il-perjodu tal-kalkolu

$C_g(\tau)$ tfisser il-kost globali (b'referenza għas-sena tal-bidu $\tau_0$) tul il-perjodu tal-kalkolu

$C_I$ tfisser il-kostijiet tal-investiment inizjali għal miżura jew għal sett ta' miżuri j

$C_{a,I}$ (j) tfisser il-kost annwali matul is-sena i għal miżura jew għal sett ta' miżuri j

$V_{f,\tau}$ (j) tfisser valur residwu ta' miżura jew ta' sett ta' miżuri j fi tmiem il-perjodu tal-kalkolu (skontat sas-sena tal-bidu $\tau_0$).

$R_d$ (i) tfisser fattur ta' skont għas-sena i bbażat fuq rata ta' skont *r* li għandu jiġi kkalkulat

bħala:

$$R_d(p) = \left(\frac{1}{1 + r/100}\right)^p$$

Fejn p tfisser l-għadd ta' snin mill-perjodu tal-bidu *u r* tfisser ir-rata ta' skont reali.

(3) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ir-rata ta' skont li għandha tintuża fil-kalkolu finanzjarju wara li jkunu wettqu analiżi tas-sensittività fuq mill-inqas żewġ rati differenti tal-għażla tagħhom.

### 4.4. **Il-kalkolu tal-kostijiet globali għall-kalkolu makroekonomiku**

(1) Meta jiġi ddeterminat il-kost globali għall-kalkolu makroekonomiku ta' miżura/pakkett/varjant, il-prezzijiet rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati huma l-prezzijiet esklużi t-taxxi, il-VAT, l-imposti u s-sussidji kollha applikabbli.

(2) Meta jiġi ddeterminat il-kost globali fil-livell makroekonomiku ta' miżura/pakkett/varjant, flimkien mal-kategoriji tal-kostijiet elenkati taħt 4.1. għandha tiġi inkluża kategorija ġdida ta' kostijiet, jiġifieri l-kost tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, sabiex il-metodoloġija aġġustata tal-kostijiet globali tkun taqra kif ġej:

$$C_g(\tau) = C_I + \sum_j \left[\sum_{i=1}^{\tau} (C_{a,i}(j)R_d(i) + C_{c,i}(j)) - V_{f,\tau}(j)\right]$$

Fejn:

$C_{c,\,i}(j)$ tfisser il-kost tal-karbonju għal miżura jew għal sett ta' miżuri j matul sena i

(3) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-kost kumulattiv tal-karbonju tal-miżuri/pakketti/varjanti tul il-perjodu tal-kalkolu billi jieħdu s-somma tal-emissjonijiet annwali tal-gassijiet serra mmultiplikata bil-prezzijiet mistennija għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'kull sena maħruġa, bl-użu ta' limitu minimu inferjuri inizjalment ta' mill-inqas EUR 20 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ sal-2025, EUR 35 sal-2030 u EUR 50 wara l-2030 f'konformità max-xenarji attwali tal-Kummissjoni tal-prezzijiet previsti tal-karbonju tal-ETS (imkejla fi prezzijiet reali u kostanti skont il-valur tal-euro fl-2008, li għandhom jiġu adattati skont id-dati u l-metodoloġija tal-kalkolu magħżula). Ix-xenarji aġġornati għandhom jiġu kkunsidrati kull darba li titwettaq analiżi tal-kalkoli kostottimali.

(4) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ir-rata ta' skont li għandha tintuża fil-kalkolu makroekonomiku wara li jkunu wettqu analiżi tas-sensittività fuq mill-inqas żewġ rati differenti, u waħda minnhom għandha tkun 3 %, espressa f'termini reali.

## 5. IT-TWETTIQ TA' ANALIŻI TAS-SENSITTIVITÀ GĦAD-DEJTA TAD-DĦUL TAL-KOSTIJIET INKLUŻI L-PREZZIJIET TAL-ENERĠIJA

L-għan tal-analiżi tas-sensittività huwa li tidentifika l-iktar parametri importanti ta' kalkolu kostottimali. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tas-sensittività fuq ir-rati ta' skont billi jużaw mill-inqas żewġ rati ta' skont, kull waħda espressa f'termini reali għall-kalkolu makroekonomiku u żewġ rati għall-kalkolu finanzjarju. Waħda mirrati ta' skont li għandha tintuża għall-analiżi tas-sensittività għall-kalkolu makroekonomiku għandha tkun ta' 3 %, espressa f'termini reali. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tas-sensittività fuq ix-xenarji tal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija għat-trasportaturi kollha tal-enerġija użati b'mod sinifikanti fil-bini fil-kuntest nazzjonali tagħhom. Huwa rrakkomandat li l-analiżi tas-sensittività tiġi estiża anki għal dejta tad-dħul oħra kruċjali.

## 6. ID-DERIVAZZJONI TA' LIVELL KOSTOTTIMALI TAR-RENDIMENT ENERĠETIKU GĦAL KULL BINI TA' REFERENZA

(1) Għal kull bini ta' referenza, l-Istati Membri għandhom jipparagunaw ir-riżultati tal-kost globali kkalkulati għall-miżuri differenti tal-effiċjenza enerġetika u għall-miżuri differenti bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-pakketti/varjanti ta' dawk il-miżuri.

(2) F'każijiet fejn l-eżitu tal-kalkoli kostottimali jagħti l-istess kostijiet globali għal livelli differenti ta' rendiment enerġetiku, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw f'użu inqas tal-enerġija primarja bħala l-bażi għall-paragun mar-rekwiżiti minimi eżistenti tar-rendiment enerġetiku.

(3) Ladarba tittieħed deċiżjoni dwar jekk huwiex il-kalkolu makroekonomiku jew dak finanzjarju li għandu jsir il-parametru referenzjarju nazzjonali, għandhom jiġu kkalkulati l-medji tal-livelli kostottimali kkalkulati tar-rendiment enerġetiku għall-binjiet ta' referenza kollha użati, meħuda flimkien, sabiex jiġu pparagunati mal-medji tar-rekwiżiti eżistenti tar-rendiment enerġetiku għall-istess binjiet ta' referenza. Ir-raġuni għal dan huwa sabiex ikun jista' jsir il-kalkolu tad-differenza bejn ir-rekwiżiti eżistenti tar-rendiment enerġetiku u l-livelli kostottimali kkalkulati.

*ANNESS II*

**Informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija stmati fuq perjodu ta' żmien twil**

Għall-kalkoli tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu x-xejriet tal-iżviluppi stmati fil-prezzijiet tal-karburanti u tal-elettriku kif inhu pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi aġġornata darbtejn fis-sena. Dawn l-aġġornamenti huma disponibbli fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/energy/observatory/trends_2030/index_en.htm

Dawn ix-xejriet jistgħu jiġu estrapolati lil hinn mill-2030 sakemm isiru disponibbli stimi fuq perjodu ta' żmien itwal.

**Informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-karbonju stmati fuq perjodu ta' żmien twil**

Għall-kalkoli makroekonomiċi tagħhom, l-Istati Membri huma mitluba jużaw bħala limitu minimu inferjuri l-prezzijiet previsti tal-karbonju tal-ETS fix-xenarju ta' referenza tal-Kummissjoni sal-2050, fejn tiġi preżunta l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti imma mhux id-dekarbonizzazzjoni (l-ewwel linja tat-tabella ta' hawn taħt): Il-previżjonijiet attwalmant jassumu prezz għal kull tunnellata ta' EUR 20 sal-2025, ta' EUR 35 sal-2030 u ta' EUR 50 wara l-2030, imkejla fi prezzijiet reali u kostanti skont il-valur tal-euro fl-2008, li għandu jiġu adattat skont id-dati tal-kalkolu u l-metodoloġija magħżula (ara t-tabella ta' hawn taħt). Xenarji aġġornati dwar il-prezzijiet tal-karbonju kif ipprovduti mill-Kummissjoni għandhom jitqiesu kull darba li titwettaq analiżi tal-kalkoli kostottimali.

| L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-karbonju | 2020 | 2025 | 2030 | 2035 | 2040 | 2045 | 2050 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Referenza (azzjoni frammentata, prezzijiet ta' referenza tal-karburanti fossili) | 16,5 | 20 | 36 | 50 | 52 | 51 | 50 |
| Tekn. Effett. (azzjoni gloali, prezzijiet baxxi tal-karburanti fossili) | 25 | 38 | 60 | 64 | 78 | 115 | 190 |
| Tekn. Effett. (azzjoni frammentata, prezzijiet ta' referenza tal-karburanti fossili) | 25 | 34 | 51 | 53 | 64 | 92 | 147 |

*Sors:* Anness 7.10 ta' http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SEC:2011:0288:FIN:EN:PDF

*ANNESS III*

**Il-mudell tar-rappurtar li l-Istati Membri jistgħu jużaw għar-rappurtar lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/31/UE u l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament**

1. BINJIET TA' REFERENZA

1.1. Irrapporta dwar il-bini ta' referenza għall-kategoriji tal-bini kollha u dwar kif dawn huma rappreżentattivi tal-istokk tal-bini billi tuża t-Tabella 1 (bini eżistenti) u t-Tabella 2 (bini ġdid). L-informazzjoni addizzjonali tista' tiġi miżjuda f'anness.

1.2. Agħti d-definizzjoni tar-referenza tal-erja tal-art użata fil-pajjiż tiegħek u kif din tiġi kkalkulata.

1.3. Jekk jogħġbok elenka l-kriterji tal-għażla użati sabiex jiġi ddefinit kull bini ta' referenza (kemm ġdid kif ukoll eżistenti): eż. analiżi statistika bbażata fuq l-użu, l-età, il-ġeometrija, iż-żoni klimatiċi, l-istrutturi tal-kostijiet, il-materjal ta' kostruzzjoni eċċ., fejn tintroduċi wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa u ta' barra, u l-lokalità ġeografika.

1.4. Jekk jogħġbok indika jekk il-bini ta' referenza tiegħek huwiex bini ta' turija, bini virtwali, eċċ.

1.5. Jekk jogħġbok indika s-sett tad-dejta sottostanti għall-istokk tal-bini nazzjonali

*Tabella 1*

**Il-bini ta' referenza għall-bini eżistenti (rinnovazzjoni maġġuri)**

| Għal bini eżistenti | Ġeometrija tal-bini (¹) | Proporzjonijiet mill-erja tat-twieqi fuq l-involkru tal-bini u twieqi bla aċċess solari | L-erja tal-art f'$m^2$ kif użata fil-kodiċi tal-bini | Deskrizzjoni tal-bini (²) | Deskrizzjoni tat-teknoloġija tal-bini medja (³) | Rendiment enerġetiku medju $kWh/m^2$, a (qabel l-investiment) | Rekwiżiti tal-livell tal-komponenti (valur tipiku) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1) **Bini għal familja waħda u s-sottokategoriji** | | | | | | | |
| Sottokategorija 1 | | | | | | | |
| Sottokategorija 2 eċċ. | | | | | | | |
| 2) **Blokki ta' appartamenti u bini li jospitaw iktar minn familja waħda u s-sottokategoriji** | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| 3) **Bini għall-uffiċċji u s-sottokategoriji** | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| 4) **Kategoriji oħrajn ta' bini mhux residenzjali** | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |

(¹) S/V (superfiċje għall-volum), orjentazzjoni, erja tal-faċċata li tħares lejn it-Tramuntana/il-Punent/in-Nofsinhar/il-Lvant.
(²) materjal tal-kostruzzjoni, impermeabbiltà tipika għall-arja (kwalitattiv), xejra tal-użu (jekk ikun xieraq), età (jekk ikun xieraq).
(³) Sistemi tekniċi użati fil-bini, valuri-U tal-elementi tal-bini, twieqi — erja, valur-U, valur g, sistemi li jipprovdu d-dell (shading), sistemi passivi, eċċ.

*Tabella 2*

**Il-bini ta' referenza għall-bini l-ġdid**

| Għal bini ġdid | Ġeometrija tal-bini ([1]) | Proporzjonijiet mill-erja tat-twieqi fuq l-involkru tal-bini u twieqi bla aċċess solari | L-erja tal-art f'm$^2$ kif użata fil-kodiċi tal-bini | Rendiment enerġetiku tipiku kWh/m$^2$, a | Rekwiżiti tal-livell tal-komponenti |
|---|---|---|---|---|---|
| 1) **Bini għal familja waħda u s-sottokategoriji** | | | | | |
| Sottokategorija 1 | | | | | |
| Sottokategorija 2 eċċ. | | | | | |
| 2) **Blokki ta' appartamenti u bini li jospitaw iktar minn familja waħda u s-sottokategoriji** | | | | | |
| | | | | | |
| 3) **Bini għall-uffiċċji u s-sottokategoriji** | | | | | |
| | | | | | |
| 4) **Kategoriji oħrajn ta' bini mhux residenzjali** | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

([1]) S/V, erja tal-faċċata li thares lejn it-Tramuntana/il-Punent/in-Nofsinhar/il-Lvant. Innota: L-orjentazzjoni tal-bini diġà tista' tikkostitwixxi minnha nfisha miżura ta' effiċjenza enerġetika fil-każ ta' bini ġdid.

*Tabella 3*

**Eżempju ta' tabella bażika ta' rappurtar għal dejta rilevanti għar-rendiment enerġetiku**

| | | Kwantità | Unità | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Kalkolu** | metodu u għodda/għodod | | | deskrizzjoni fil-qosor tal-metodu ta' kalkolu adottat (eż. b'referenza għall-EN ISO 13790) u kkumment dwar l-għodda/għodod tal-kalkolu użata/i. |
| | Fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja | | | valuri tal-fatturi ta' konverżjoni ta' enerġija fornuta għal enerġija primarja (għal kull trasportatur tal-enerġija) użati għall-kalkolu. |
| **Kundizzjoni klimatika** | post | | | isem il-belt b'indikazzjoni tal-latitudni u tal-lonġitudni. |
| | heating degree-days | | HDD | għandhom jiġu evalwati skont l-EN ISO 15927-6, fejn jiġi speċifikat il-perjodu tal-kalkolu. |
| | cooling degree-days | | CDD | |
| | sorsi tas-sett ta' dejta klimatika | | | ipprovdi referenzi dwar is-sett ta' dejta klimatika użat għall-kalkolu. |
| | deskrizzjoni tat-terren | | | eż. żona rurali, suburbana, urbana. Spjega jekk il-preżenza ta' bini fil-qrib ġietx ikkunsidrata jew le. |
| **Ġeometrija tal-bini** | Tul × Wisa' × Għoli | | m × m × m | relatati mal-volum tal-arja msaħħna/ikkundizzjonata (EN 13790) u fejn id-dimensjoni orizzontali tal-faċċata orjentata lejn in-Nofsinhar tiġi kkunsidrata bħala t-"tul". |

| | | | Kwantità | Unità | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | għadd ta' sulari | | | — | |
| | proporzjon S/V (superfiċje għall-volum) | | | $m^2/m^3$ | |
| | proporzjon tal-erja tat-twieqi fuq l-erja totali tal-involkru tal-bini | In-Nofsinhar | | % | |
| | | Il-Lvant | | % | |
| | | It-Tramuntana | | % | |
| | | Il-Punent | | % | |
| | orjentazzjoni | | | ° | l-angolu tal-ażimut tal-faċċata li tħares lejn in-Nofsinhar (devjazzjoni mid-direzzjoni tan-Nofsinhar tal-faċċata orjentata lejn in-"Nofsinhar"). |
| **Gwadanni interni** | utilizzazzjoni tal-bini | | | | skont il-kategoriji tal-bini proposti fl-Anness 1 għad-Direttiva 2010/31/UE. |
| | gwadann termiku medju mill-okkupanti | | | $W/m^2$ | |
| | enerġija elettrika speċifika tas-sistema tad-dawl | | | $W/m^2$ | enerġija elettrika totali tas-sistema tad-dawl kompluta tal-kmamar ikkundizzjonati (il-bozoz kollha + it-tagħmir ta' kontroll tas-sistema tad-dawl). |
| | enerġija elettrika speċifika tat-tagħmir elettriku | | | $W/m^2$ | |
| **Elementi tal-bini** | valur-U medju tal-ħitan | | | $W/m^2K$ | valur-U ppeżat tal-ħitan kollha: U_ħajt = (U_ħajt_1 · A_ħajt_1 + U_ħajt_2 · A_ħajt_2 + … + U_ħajt_n · A_ħajt_n)/(A_ħajt_1 + A_ħajt_2 + … + A_ħajt_n); dawn huma: U_ħajt_i = valurU tat-tip ta' ħajt i; A_ħajt_i = superfiċje totali tat-tip ta' ħajt i |
| | valur-U medju tas-saqaf | | | $W/m^2K$ | simili għall-ħitan. |
| | valur-U medju tal-kantina | | | $W/m^2K$ | simili għall-ħitan. |
| | valur-U medju tat-twieqi | | | $W/m^2K$ | simili għall-ħitan; għandu jitqies l-pont termiku dovut għall-qafas u għad-diviżuri (skont l-EN ISO 10077-1). |
| | pontijiet termiċi | tul totali | | m | |
| | | trażmittanza termika lineari medja | | W/mK | |
| | kapaċità termika għal kull unità ta' erja | ħitan esterni | | $J/m^2K$ | għandhom jiġu evalwati skont EN ISO 13786. |
| | | ħitan interni | | $J/m^2K$ | |
| | | knaten | | $J/m^2K$ | |
| | tip ta' sistemi ta' li jipprovdu d-dell | | | | eż. tendina solari, xaters li jitremblu 'l fuq (roll-up shutter), purtiera, eċċ. |
| | valur-g medju ta' | ħġieġ (glazing) | | — | trażmittanza totali tal-enerġija solari tal-ħġieġ (għal radjazzjoni perpendikulari għall-ħġieġ), hawnhekk: valur ippeżat skont l-erja tat-twieqi differenti (li għandha tiġi evalwata skont EN 410) |
| | | ħġieġ + sistemi li jipprovdu d-dell | | — | trażmittanza totali tal-enerġija solari għall-ħġieġ u apparat estern għall-protezzjoni solari għandhom jiġu evalwati skont EN 13363-1/-2 |
| | Rata ta' infiltrazzjoni (bidliet fl-arja fis-siegħa) | | | 1/h | eż. ikkalkulata għal differenza fil-pressjoni fuq ġewwa/barra ta' 50 Pa |

| | | | Kwantità | Unità | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| **Sistemi tal-bini** | sistema ta' ventilazzjoni | bidliet fl-arja fis-siegħa | | 1/h | |
| | | effiċjenza tal-irkupru tas-sħana | | % | |
| | effiċjenzi tas-sistema ta' tisħin | ġenerazzjoni | | % | għandhom jiġu evalwati skont l-EN 15316-1, EN 15316-2-1, EN 15316-4-1, EN 15316-4-2, EN 15232 EN 14825, EN 14511 |
| | | distribuzzjoni | | % | |
| | | emissjoni | | % | |
| | | kontroll | | % | |
| | effiċjenzi tas-sistema tat-tkessiħ | ġenerazzjoni | | % | għandhom jiġu evalwati skont EN 14825, EN 15243, EN 14511, EN 15232 |
| | | distribuzzjoni | | % | |
| | | emissjoni | | % | |
| | | kontroll | | % | |
| | effiċjenzi tas-sistema tal-ilma sħun domestiku (DHW) | ġenerazzjoni | | % | għandhom jiġu evalwati skont EN 15316-3-2, EN 15316-3-3. |
| | | distribuzzjoni | | % | |
| **Punti Stabbiliti u Skedi tal-Bini** | punt stabbilit tat-temperatura | xitwa | | °C | temperatura operattiva fuq ġewwa. |
| | | sajf | | °C | |
| | punt stabbilit tal-umdità | xitwa | | % | umdità relattiva fuq ġewwa, jekk applikabbli: "L-umdità għandha biss effett żgħir fuq is-sensazzjoni termali u fuq il-kwalità tal-arja pperċepita fil-kmamar ta' okkupanza sedentarja" (EN 15251). |
| | | sajf | | % | |
| | skedi u kontrolli tal-operazzjonijiet | okkupanza | | | ipprovdi kummenti jew referenzi (standards EN jew nazzjonali, eċċ.) dwar l-iskedi użati għall-kalkolu. |
| | | dawl | | | |
| | | tagħmir | | | |
| | | ventilazzjoni | | | |
| | | sistema ta' tisħin | | | |
| | | sistema ta' tkessiħ | | | |
| **Ħtieġa/Użu ta' enerġija tal-bini** | kontribuzzjoni enerġetika (termika) tal-istrateġiji passivi prinċipali implimentati | 1) … | | kWh/a | eż. serra solari, ventilazzjoni naturali, dawl ta' matul il-jum, eċċ. |
| | | 2) … | | kWh/a | |
| | | 3) … | | kWh/a | |
| | ħtieġa ta' enerġija għat-tisħin | | | kWh/a | sħana li għandha titwassal fi jew tiġi estratta minn spazju kkundizzjonat sabiex jinżammu l-kundizzjonijiet tat-temperatura mixtieqa matul perjodu ta' żmien partikolari. |
| | ħtieġa ta' enerġija għat-tkessiħ | | | kWh/a | |
| | ħtieġa ta' enerġija għad-DHW | | | kWh/a | sħana li għandha titwassal għall-ammont meħtieġ ta' ilma sħun domestiku sabiex togħla t-temperatura tiegħu mit-temperatura kiesħa tan-netwerk għat-temperatura tat-twassil iffissata minn qabel fil-punt ta' twassil. |
| | ħtieġa ta' enerġija għal finijiet oħrajn (umidifikazzjoni, deumidifikazzjoni) | | | kWh/a | sħana latenti fil-fwar tal-ilma li għandha titwassal fi jew tiġi estratta minn spazju kkundizzjonat minn sistema teknika użata fil-bini sabiex tinżamm umdità minima jew massima speċifikata fl-ispazju (jekk ikun applikabbli). |

| | | | Kwantità | Unità | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | użu ta' enerġija għall-ventilazzjoni | | | kWh/a | input ta' enerġija elettrika fis-sistema ta' ventailazzjoni għat-trasport tal-arja u għall-irkupru tas-sħana (mhux inkluż l-input tal-enerġija għat-tisħin minn qabel tal-arja) u l-input tal-enerġija fis-sistemi ta' umidifikazzjoni sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa għal umidifikazzjoni. |
| | użu ta' enerġija għad-dawl intern | | | kWh/a | input tal-enerġija elettrika fis-sistema tad-dawl u f'tagħmir/sistemi oħrajn. |
| | użu ta' enerġija għal finijiet oħrajn (tagħmir, dawl estern, sistemi awżilarji, eċċ.) | | | kWh/a | |
| **Ġenerazzjoni ta' enerġija fis-sit tal-bini** | enerġija termika mir-RES (eż. kolletturi solari termali) | | | kWh/a | enerġija minn sorsi rinnovabbli (li ma jinħlewx bl-estrazzjoni, bħall-enerġija solari, ir-riħ, l-enerġija mill-ilma, il-bijomassa mġedda) jew bil-koġenerazzjoni. |
| | enerġija elettrika ġġenerata fil-bini u użata fuq il-post | | | kWh/a | |
| | enerġija elettrika ġġenerata fil-bini u esportata lejn is-suq | | | kWh/a | |
| **Konsum ta' enerġija** | enerġija fornuta | elettriku | | kWh/a | enerġija, espressa għal kull trasportatur tal-enerġija, ipprovduta lis-sistemi tekniċi użati fil-bini permezz tal-konfini tas-sistema, sabiex jiġu ssodisfati l-użi meqjusa (tisħin, tkessiħ, ventilazzjoni, ilma sħun domestiku, dawl, tagħmir, eċċ.). |
| | | karburant fossili | | kWh/a | |
| | | oħrajn (bijomassa, tisħin/tkessiħ distrettwali, eċċ.) | | kWh/a | |
| | enerġija primarja | | | kWh/a | enerġija li ma kienet soġġetta għall-ebda proċess ta' konverżjoni jew ta' trasformazzjoni |
| | | | | | |

2. L-GĦAŻLA TAL-VARJANTI/MIŻURI/PAKKETTI

2.1. Irrapporta f'forma tabulari l-karatteristiċi tal-varjanti/miżuri/pakketti magħżula li qed jiġu applikati għall-kalkolu kostottimali. Jekk jogħġbok ibda bl-iktar teknoloġiji u soluzzjonijiet komuni u mbagħad semmi dawk iktar innovattivi. Jekk ikun hemm evidenza minn kalkoli preċedenti li l-miżuri mhuma kostottimali xejn, ma trid timtela l-ebda tabella imma dan għandu jiġi rapportat separatament lill-Kummissjoni. Jista' jintuża l-format ta' hawn taħt, imma jekk jogħġbok innota li l-eżempji elenkati huma purament illustrattivi.

*Tabella 4*

**Tabella illustrattiva biex jiġu elenkati l-varjanti/miżuri magħżula**

Kull kalkolu għandu jirreferi għall-istess livell ta' kumdità. Pro forma kull varjant/pakkett/miżura għandu jipprovdi/għandha tipprovdi l-kumdità aċċettabbli. Jekk jitqiesu livelli differenti ta' kumdità, il-bażi tal-paragun tintilef.

| Miżura | Każ ta' referenza | Varjant 1 | Varjant 2 | Eċċ… |
|---|---|---|---|---|
| Iżolament tas-saqaf | | | | |
| Iżolament tal-ħitan | | | | |
| Twieqi | 5.7 $W/m^2K$ (deskrizzjoni) | 2.7 $W/m^2K$ (deskrizzjoni) | 1.9 $W/m^2K$ (deskrizzjoni) | |
| Proporzjon tal-erja tat-twieqi mill-involkru kollu tal-bini | | | | |

| Miżura | Każ ta' referenza | Varjant 1 | Varjant 2 | Eċċ… |
|---|---|---|---|---|
| Miżuri relatati mal-bini (massa termika, eċċ.) | | | | |
| Sistema ta' tisħin | | | | |
| DHW | | | | |
| Sistema ta' ventilazzjoni (inkluża l-ventilazzjoni billejl) | | | | |
| Sistema ta' tkessiħ tal-ispazju | | | | |
| Miżuri bbażati fuq RES | | | | |
| Bidla tat-trasportatur tal-enerġija | | | | |
| Eċċ. | | | | |

L-elenku tal-miżuri huwa purament illustrattiv.

*Għall-involkru tal-bini: f W/m*$^2$*K*

*Għas-sistemi: l-effiċjenza*

*Jistgħu jintgħażlu diversi livelli ta' titjib (pereżempju: valuri ta' trażmittanza termika differenti għat-twieqi)*

3. KALKOLU TAD-DOMANDA GĦALL-ENERĠIJA PRIMARJA TAL-MIŻURI

3.1. **Valutazzjoni tar-Rendiment Enerġetiku**

3.1.1. Irrapporta l-proċedura tal-kalkolu għall-valutazzjoni tar-rendiment enerġetiku li qed tiġi applikata fir-rigward tal-bini ta' referenza u l-miżuri/varjanti adottati.

3.1.2. Agħti referenzi għal-leġiżlazzjoni, għar-regolamentazzjoni, għall-istandards u għan-normi rilevanti.

3.1.3. Niżżel il-perjodu tal-kalkolu (20 jew 30 sena), l-intervall tal-kalkolu (annwali, fix-xahar jew ta' kuljum) u d-dejta klimatika użata għal kull bini ta' referenza.

3.2. **Kalkolu tad-domanda għall-enerġija**

3.2.1. Jekk jogħġbok irrapporta r-riżultati tal-kalkolu tar-rendiment enerġetiku għal kull miżura/pakkett/varjant għal kull bini ta' referenza differenzjat/a għal mill-inqas il-ħtieġa ta' enerġija għat-tisħin u għat-tkessiħ, l-użu tal-enerġija, l-enerġija fornuta u d-domanda għall-enerġija primarja.

Niżżel ukoll l-iffrankar tal-enerġija.

*Tabella 5*

**It-tabella tar-riżultat tal-kalkolu tad-domanda għall-enerġija**

*Jekk jogħġbok imla tabella waħda għal kull bini ta' referenza u għal kull kategorija ta' bini, għall-miżuri introdotti kollha.*

| **Bini ta' referenza** | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura/pakkett/varjant ta' miżuri (kif deskritt fit-Tabella 4) | Ħtieġa ta' enerġija | | Użu ta' enerġija | | | | | Enerġija fornuta speċifikata skont is-sors | Domanda għall-enerġija primarja f kWh/m$^2$, a | Tnaqqis fl-enerġija fl-enerġija primarja pparagunat mal-bini ta' referenza |
| | għat-tisħin | għat-tkessiħ | tisħin | tkessiħ | ventilazzjoni | DHW | dawl | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

| Bini ta' referenza | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura/pakkett/varjant ta' miżuri (kif deskritt fit-Tabella 4) | Ħtieġa ta' enerġija | | Użu ta' enerġija | | | | | Enerġija fornuta speċifikata skont is-sors | Domanda għall-enerġija primarja f'kWh/m², a | Tnaqqis fl-enerġija fl-enerġija primarja pparagunat mal-bini ta' referenza |
| | għat-tisħin | għat-tkessiħ | tisħin | tkessiħ | ventilazzjoni | DHW | dawl | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

*Jekk jogħġbok imla tabella waħda għal kull bini ta' referenza*

*Ir-rappurtar jista' jkun limitat għall-iktar miżuri/pakketti importanti imma għandu jiġi indikat kemm-il kalkolu twettaq b'kollox. Jekk ikun hemm evidenza minn kalkoli preċedenti li l-miżuri mhuma kostottimali xejn, ma trid timtela l-ebda tabella imma dan għandu jiġi rapportat separatament lill-Kummissjoni.*

3.2.2. Irrapporta s-sommarju tal-fatturi ta' konverżjoni tal-enerġija primarja użati fil-pajjiż f'tabella separata.

3.2.3. Indika l-enerġija fornuta għal kull trasportatur f'tabella addizzjonali.

4. IL-KALKOLU TAL-KOST GLOBALI.

4.1. Ikkalkula l-kost globali għall kull varjant/pakkett/miżura billi tuża t-tabelli li ġejjin li jirreferu għal xenarju (ta' prezz tal-enerġija) baxx, medju jew għoli. Il-kalkolu tal-kost għall-bini ta' referenza għandu jitqiegħed bħala 100 %.

4.2. Irrapporta s-sors tal-iżvilupp fil-prezzijiet tal-enerġija applikat.

4.3. Irrapporta r-rata ta' skont applikata għall-kalkolu finanzjarju u għall-kalkolu makroekonomiku u r-riżultat tal-analiżi tas-sensittività sottostanti fuq mill-inqas żewġ rati tal-imgħax differenti għal kull wieħed.

*Tabella 6*

**Id-dejta tar-riżultati u l-kalkoli tal-kost globali**

*Jekk jogħġbok imla t-tabella għal kull bini ta' referenza, fejn tużaha darba għall-kalkolu makroekonomiku u darba għall-kalkolu finanzjarju. Jekk jogħġbok niżżel id-dejta dwar il-kostijiet fil-munita nazzjonali.*

| Varjant/pakkett/Miżura kif mogħti/ja fit-Tabella 5 | Kost tal-investiment inizjali (b'referenza għas-sena tal-bidu) | Kost amministrattiv annwali | | | Perjodu tal-kalkolu ([1]) 20, 30 sena | Kost tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (għall-kalkolu makroekonomiku biss) | Valur residwu | Rata ta' skont (rati differenti għall-kalkolu makroekonomiku u għal dak finanzjarju) | Ħajja ekonomika stmata | Kost tar-rimi (fejn applikabbli) | Kost globali kkalkulat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kost annwali tal-manutenzjoni | Kost operattiv | | Kost tal-enerġija skont il-karburant ([2]) Bix-xenarju tal-prezz medju tal-enerġija | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

([1]) Għall-bini residenzjali u pubbliku għandhom jitqiesu 30 sena ta' perjodu tal-kalkolu; għall-bini kummerċjali u mhux residenzjali, mill-inqas 20 sena.
([2]) Irid jitqies l-effett tal-iżviluppi futuri (mistennija) fil-prezzijiet jekk dan jikkonċerna s-sostituzzjoni tal-komponenti waqt il-perjodu tal-kalkolu.

4.4. Jekk jogħġbok irrapporta l-parametri tad-dħul tiegħek li ntużaw għall-kalkolu tal-kost globali (eż. il-kost tax-xogħol, il-kost tat-teknoloġija, eċċ.)

4.5. Agħmel il-kalkolu fuq l-analiżi tas-sensittività għall-kostijiet prinċipali u għall-kostijiet tal-enerġija u r-rata ta' skont applikata kemm għall-kalkolu makroekonomiku kif ukoll għal dak finanzjarju. Għal kull varjazzjoni tal-kost uża tabella separata bħat-Tabella ta' hawn fuq.

4.6. Jekk jogħġbok indika l-kost preżunt tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-kalkoli makroekonomiċi.

5. IL-LIVELL KOSTOTTIMALI GĦALL-BINJIET TA' REFERENZA

5.1. Irrapporta l-livell ekonomiku ottimali tar-rendiment enerġetiku fl-enerġija primarja (kWh/m$^2$ fis-sena, jew jekk jiġi segwit approċċ fil-livell tas-sistemi, fl-unità rilevanti, eż. il-valur-U) għal kull każ b'rabta mal-binjiet ta' referenza fejn tindika jekk il-livelli kostottimali ġewx ikkalkulati fil-livell makroekonomiku jew f'dak finanzjarju.

6. PARAGUN

6.1. Jekk id-differenza tkun waħda sinifikanti, jekk jogħġbok indika r-raġuni li tiġġustifika d-differenza u anki pjan bil-passi xierqa sabiex titnaqqas id-differenza jekk id-differenza ma tistax tiġi ġġustifikata (kompletament)

*Tabella 7*

**It-tabella ta' paragun kemm għall-bini l-ġdid kif ukoll għal dak eżistenti**

| Bini ta' referenza | Firxa/livell kostottimali (minn-sa) kWh/m$^2$, a (għal approċċ fil-livell tal-komponenti fl-unità rilevanti) | Rekwiżiti attwali għall-binjiet ta' referenza kWh/m$^2$, a | Differenza |
|---|---|---|---|
| | | | |

| |
|---|
| Ġustifikazzjoni tad-differenza: |
| Pjan biex titnaqqas id-differenza mhux iġġustifikata: |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 245/2012

## tal-20 ta' Marzu 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1187/2009 fir-rigward tal-esportazzjonijiet tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib lejn ir-Repubblika Dominikana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 170 u 171(1), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([2]) jistipula li, fil-kuntest tal-esportazzjoni tal-kwota tal-ħalib tat-trab miftuħa mir-Repubblika Dominikana, għandha tingħata prijorità lil prodotti li jinsabu taħt kodiċijiet speċifiċi tal-prodott fin-nomenklatura tar-rifużjoni tal-esportazzjoni. Din ir-restrizzjoni kienet introdotta sabiex ikun evitat għadd eċċessiv ta' applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jista' jirriżulta fi frammentazzjoni tas-suq u riskju f'telf mis-sehem tas-suq għall-esportaturi tal-Unjoni.

(2) Il-kwantitajiet applikati għas-sena tal-kwota 2011/2012, kienu għall-ewwel darba inqas mill-kwantitajiet tal-kwota disponibbli. F'każ tal-kwantitajiet li jifdal, huwa xieraq li dawk il-kwantitajiet jiġu allokati lill-applikanti li huma interessati jirċievu kwantitajiet akbar minn dawk mitluba, sakemm il-garanzija tkun miżjuda kif xieraq.

(3) Bil-ħsieb li fis-snin li ġejjin jintlaħaq l-użu massimu tal-kwota, huwa xieraq li jkun estiż l-ambitu tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-prodotti kollha koperti minn kwota tariffarja kif previst fil-Ftehim ta' Shubija Ekonomika bejn l-Istati Cariforum, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([3]), li l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/805/KE ([4]). Barra minn hekk, rigward il-validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni, id-deroga stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 m'għandhiex tkun limitata biss għal prodotti li jappartjenu għall-istess kategorija tal-prodotti kif imsemmi fl-Anness I tiegħu, iżda għandha tkun estiża għal kwalunkwe prodott minn dawk koperti mill-kwota tariffarja.

(4) Peress li r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni huma ffissati għal 0 mill-2008, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni u għal-liċenzji għandhom juru l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda minflok il-kodiċijiet tal-prodotti fin-nomenklatura għar-rifużjonijiet. Id-dispożizzjonijiet relevanti għandhom għalhekk jiġu aġġustati skont dan.

(5) Għall-finijiet tal-ġestjoni tajba, huwa neċessarju li l-Kummissjoni jkollha qabel il-31 ta' Awwissu notifika dwar il-kwantità li għaliha jkunu nħarġu l-liċenzji. Min-naħa l-oħra, in-notifika dwar il-kwantitajiet allokati hija superfluwa u tista' tiġi abolita.

(6) L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 jistipula li l-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-esportazzjoni jkunu ammissibbli biss fejn l-applikanti jippreżentaw garanzija f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu. Għal din ir-raġuni, l-eċċezzjoni għall-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament stabbilita fl-Artikolu 33(1) tiegħu hija inkonsistenti.

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1187/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1187/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 27(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jitressqu għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0402 10, 0402 21 u 0402 29."

(2) Fl-Artikolu 28(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Biex ikunu ammissibbli, tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni waħda biss għal kull kodiċi tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, u l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fl-istess ħin lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed."

(3) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol ta' wara l-iskadenza tal-perjodu tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għal kull waħda miż-żewġ partijiet tal-kwota u għal kull kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda, dwar il-kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet għal-liċenzji jew, fejn applikabbli, li ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni."

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 289, 30.10.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 289, 30.10.2008, p. 1.

(b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti minn dan li ġej:

"Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni tirriżulta fi kwantità ta' inqas minn 20 tunnellata għal kull applikant, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom. F'każijiet bħal dawn, huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, bil-kwantitajiet maqsuma skont il-kodiċijiet tal-prodotti tan-Nomenklatura Magħquda, li għalihom ikunu ġew irtirati l-applikazzjonijiet u li għalihom tkun ġiet rilaxxata l-garanzija.

Fejn l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jiġu sottomessi għall-kwantitajiet ta' prodott li ma jaqbżux il-kwoti msemmija fl-Artikolu 28(1), il-Kummissjoni għandha talloka l-kwantitajiet li jifdal b'mod li jkun proporzjonat għall-kwantitajiet mitluba fl-applikazzjonijiet, billi tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent għandu jinġieb sal-eqreb kg. L-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti dwar il-kwantità supplementari li huma jaċċettaw, fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Il-garanzija ppreżentata għandha tiżdied skont dan."

(4) L-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għaż-żewġ partijiet tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1), il-kwantitajiet li għalihom ma tkun inħarġet l-ebda liċenzja, maqsumin skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda."

(b) Fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 6(2), il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun valida wkoll għal kwalunkwe prodott minn dawk li jaqgħu taħt il-kodiċijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27(2)."

(c) Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għaż-żewġ partijiet tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1) u, fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 28(1), il-kwantitajiet li ġejjin, maqsumin skont il-kodiċi tal-prodotti tan-Nomenklatura Magħquda:

— il-kwantità li għaliha ma nħarġux liċenzji jew li ġew ikkanċellati,

— il-kwantità esportata."

(5) Fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kapitolu I għandu japplika, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 7 u 10."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mis-sena tal-kwota 2012/2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 246/2012**

**tal-20 ta' Marzu 2012**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 139,1 |
| | JO | 64,0 |
| | MA | 49,0 |
| | TN | 98,4 |
| | TR | 98,3 |
| | ZZ | 89,8 |
| 0707 00 05 | JO | 183,3 |
| | TR | 157,2 |
| | ZZ | 170,3 |
| 0709 91 00 | EG | 76,0 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0709 93 10 | JO | 225,1 |
| | MA | 60,5 |
| | TR | 129,2 |
| | ZZ | 138,3 |
| 0805 10 20 | EG | 51,8 |
| | IL | 76,4 |
| | MA | 51,2 |
| | TN | 57,9 |
| | TR | 68,9 |
| | ZZ | 61,2 |
| 0805 50 10 | EG | 43,8 |
| | TR | 53,3 |
| | ZZ | 48,6 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 82,5 |
| | CA | 125,0 |
| | CL | 101,6 |
| | CN | 103,4 |
| | MK | 31,8 |
| | US | 164,1 |
| | UY | 74,9 |
| | ZA | 119,9 |
| | ZZ | 99,2 |
| 0808 30 90 | AR | 94,3 |
| | CL | 124,6 |
| | CN | 63,0 |
| | ZA | 91,6 |
| | ZZ | 93,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 247/2012

## tal-20 ta' Marzu 2012

## dwar il-kwistjoni tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet li tressqu fl-ewwel 7 ijiem ta' Marzu 2012 skont il-kwota tariffarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja amministrata mir-Regolament (KE) Nru 620/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2009 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ta' kwalità għolja [3] jistipula regoli dettaljati għat-tressiq u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(2) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jipprovdi li, f'każijiet fejn il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu tal-kwota, il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni għandhom ikunu ffissati għall-kwantitajiet koperti minn kull applikazzjoni għal-liċenzja. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni li tressqu skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009 bejn l-1 u s-7 ta' Marzu 2012 jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, għandhom ikunu deċiżi l-estent li bih jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni u l-koeffiċjent tal-allokazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni koperti mill-kwota li ġġib in-numru tas-serje 09.4449 u li tressqu bejn l-1 u s-7 ta' Marzu 2012 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 620/2009, għandhom jiġu mmultiplikati b'koeffiċjent tal-allokazzjoni ta' 0,385109 %.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
(3) ĠU L 182, 15.7.2009, p. 25.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 248/2012

## tal-20 ta' Marzu 2012

## li jirtira s-sospensjoni tat-tressiq ta' applikazzjonijiet ta' ċerti liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwoti ta' tariffi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ('ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS') ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) It-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li jikkonċernaw in-numru/i tal-ordni 09.4318 ġew sospiżi mid-19 ta' Jannar 2012 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2012 (UE) Nru 41/2012 li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni għall-prodotti fis-settur taz-zokkor li jaqgħu taħt ċerti kwoti tariffarji ([3]), skont ir-Regolament (KE) Nru 891/2009.

(2) Wara n-notifiki dwar liċenzji mhux użati u/jew użati parzjalment, saru disponibbli mill-ġdid kwantitajiet għal dak in-numru tal-ordni. Is-sospensjoni tal-applikazzjonijiet għandha għalhekk tiġi rtirata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-sospensjoni stipulata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 41/2012 tat-tressiq ta' appplikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għan-numru/i tal-ordni 09.4318 mid-19 ta' Jannar 2012 qed tiġi irtirata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.
([3]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 40.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT